Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0162 (NLE)**

**10300/25**
**ADD 1**

**AELE 53**
**CH 19**
**MI 400**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ġunju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 309 annex |
| Suġġett: | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill<br>dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 309 - Annex 1.

Mehmuż: COM(2025) 309 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 309 final

ANNEX 1

**ANNESS**

***tal-***

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera**

# PROTOKOLL EMENDATORJU
# GĦALL-FTEHIM
# BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA
# MINN NAĦA WAĦDA,
# U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, MIN-NAĦA L-OĦRA,
# DWAR IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

u

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Iżvizzera”;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, magħmul fi Brussell fil-21 ta’ Ġunju 1999, (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim tal-21 ta’ Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta’ Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussel fis-26 ta’ Ottubru 2004, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ April 2006;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim tal-21 ta’ Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni bħala Partijiet Kontraenti tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell, fis-27 ta’ Mejju 2008, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2009;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell fl-4 ta' Marzu 2016, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017;

BILLI l-ftehimiet konklużi mill-Unjoni huma vinkolanti għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha; dan il-Protokoll għalhekk japplika għall-Partijiet Kontraenti kif stabbilit fil-Ftehim;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Emendi tal-Ftehim

Il-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) fil-preambolu, il-premessi li ġejjin jiddaħħlu wara t-tieni premessa:

"FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-libertà ta' moviment hija aspett importanti tas-suq intern u li l-iżgurar tad-dritt taċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti, kif ukoll tal-membri tal-familja tagħhom, li jidħlu u jgħixu fit-territorji rispettivi, ħielsa minn restrizzjonijiet mhux ġustifikati u b'rispett sħiħ għad-dritt ta' trattament ugwali, iservi biex isaħħaħ il-funzjonament tal-partijiet tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera;

FILWAQT LI HUMA KONXJI mill-iżgurar tal-uniformità fil-partijiet tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, filwaqt li huwa mifhum li l-Ftehim għandu jiġi interpretat f'konformità mal-prinċipju ta' interpretazzjoni uniformi stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim. Il-kompetenza tal-Qorti Federali Żvizzera u tal-qrati Żvizzeri l-oħra kollha kif ukoll tal-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jinterpretaw dan il-Ftehim f'każijiet individwali hija ppreservata;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-libertà ta' moviment u d-dritt għal trattament ugwali jestendu għaċ-ċittadini ta' Parti Kontraenti waħda li jeżerċitaw jew li jfittxu li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment liberu tagħhom mingħajr ma jkunu ċċaqalqu jew mingħajr ma jkunu għadhom marru biex jirrisjedu fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra. Bl-istess mod, ċerti drittijiet marbuta mal-eżerċizzju fil-passat tal-moviment liberu, inkluż id-dritt għal trattament ugwali, jistgħu jkomplu japplikaw wara li ċ-ċittadin ta' Parti Kontraenti jkun waqaf jirrisjedi fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra;

FILWAQT LI JFAKKRU WKOLL li l-moviment liberu tal-persuni jinkludi l-ħaddiema, il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-persuni li huma ekonomikament inattivi, dment li dawn il-persuni jikkonformaw mar-rekwiżiti għal residenza legali stabbiliti f'dan il-Ftehim, inkluż, fejn applikabbli, il-pussess ta' riżorsi suffiċjenti u assigurazzjoni komprensiva tal-mard, sabiex ma jsirux piż mhux raġonevoli fuq is-sistemi ta' assistenza soċjali tal-Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW l-objettiv li tiġi kkonsolidata u żviluppata s-sħubija komprensiva tal-Unjoni u tal-Iżvizzera sal-potenzjal sħiħ tagħha,";

(2) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 4

Dritt ta' residenza u ta' aċċess għal attività ekonomika

Id-dritt ta' residenza u ta' aċċess għal attività ekonomika għandu jkun garantit f'konformità mal-Anness I.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"ARTIKOLU 4a

Dritt ta' stabbiliment

1. Ċittadin ta' Parti Kontraenti għandu jkollu d-dritt ta' stabbiliment fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra sabiex iwettaq attività ta' persuna li taħdem għal rasha.

2. Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Parti Kontraenti fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra għandhom ikunu pprojbiti. Tali projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' aġenziji u fergħat minn ċittadini ta' kwalunkwe Parti Kontraenti stabbiliti fit-territorju ta' kwalunkwe Parti Kontraenti.

ARTIKOLU 4b

Trattament ugwali ta' persuni li jaħdmu għal rashom

1. Fir-rigward tal-aċċess għal attività ta' persuna li taħdem għal rasha u l-eżerċizzju tagħha, persuna li taħdem għal rasha għandha tingħata trattament li ma jkunx inqas favorevoli fil-pajjiż ospitanti minn dak mogħti liċ-ċittadini tiegħu stess.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011[1] għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-persuni li jaħdmu għal rashom imsemmija f'dan il-Ftehim.";

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-drittijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu ggarantiti f'konformità mal-Annessi I, II u III.";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"ARTIKOLU 5a

Forniment ta' servizzi

Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi, dan li ġej għandu jkun ipprojbit skont l-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim:

(a) kwalunkwe restrizzjoni fuq il-forniment transfruntier ta' servizzi fit-territorju ta' Parti Kontraenti li ma taqbiżx id-90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja;

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 (ĠU L 141, 27.05.2011 p. 1), kif applikabbli skont l-Anness I.

(b) kwalunkwe restrizzjoni fuq id-dritt ta' dħul u residenza fil-każijiet koperti mill-Artikolu 5(2) ta' dan il-Ftehim li tikkonċerna l-impjegati, li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, ta' persuni li jipprovdu servizzi, li jkunu integrati fis-suq tax-xogħol regolari ta' Parti Kontraenti waħda u stazzjonati għall-provvista ta' servizz fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7i.

ARTIKOLU 5b

Kumpaniji li jipprovdu servizzi

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5a għandhom japplikaw għall-kumpaniji ffurmati f'konformità mal-liġi tal-Partijiet Kontraenti u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju ta' Parti Kontraenti.

ARTIKOLU 5c

Trattament ugwali tal-persuni li jipprovdu servizzi

Persuna li tipprovdi servizzi li jkollha d-dritt jew li tkun ġiet awtorizzata sabiex tipprovdi servizz tista', għall-finijiet tal-provvista tiegħu, teżerċita temporanjament l-attività tagħha fl-Istat fejn jiġi pprovdut is-servizz bl-istess termini bħal dawk imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini tiegħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u l-Annessi I, II u III.

ARTIKOLU 5d

Regoli dwar ir-residenza ta' persuni li jipprovdu servizzi

1. Il-persuni li jipprovdu servizzi li jkunu ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni jew tal-Iżvizzera u li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Parti Kontraenti li ma tkunx dik tal-persuna li tirċievi s-servizzi u l-impjegati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ta' persuni li jipprovdu servizzi, li jkunu integrati fis-suq tax-xogħol regolari ta' Parti Kontraenti waħda u stazzjonati għall-forniment ta' servizz fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra li jkollhom id-dritt, jew li jkunu ġew awtorizzati, biex jipprovdu servizz għal perjodu li jaqbeż id-90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja għandhom jirċievu, biex jissostanzjaw dak id-dritt, permess ta' residenza għal perjodu ugwali għal dak tal-forniment ta' servizzi li jaqbeż id-90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja.

2. Għall-finijiet tal-ħruġ ta' tali permessi, il-Partijiet Kontraenti ma jistgħux jirrikjedu mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 aktar minn:

(a) karta tal-identità jew passaport validu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7i;

(b) evidenza li qed jipprovdu, jew jixtiequ jipprovdu, servizz.

ARTIKOLU 5e

Tul ta' żmien tal-forniment ta' servizzi

1. It-tul ta' żmien totali tal-forniment ta' servizzi taħt l-Artikolu 5a, il-punt (a), kemm jekk kontinwu kif ukoll jekk jikkonsisti f'perjodi suċċessivi ta' forniment, ma jistax jaqbeż id-90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq, mill-persuna li tipprovdi servizz, tal-obbligi legali tagħha taħt il-garanzija mogħtija lill-persuna li tirċievi s-servizz jew għal kawżi ta' force majeure.

ARTIKOLU 5f

Regoli applikabbli għall-forniment ta' servizzi

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5a u 5c ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet li jinvolvu, anke fuq bażi okkażjonali, l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika fil-Parti Kontraenti kkonċernata.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5a u 5c u l-miżuri adottati bis-saħħa tagħhom ma għandhomx jipprekludu l-applikabbiltà tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jipprevedu l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg għall-persuni impjegati stazzjonati għall-finijiet tal-forniment ta' servizz, f'konformità mal-atti legali rilevanti tal-Unjoni dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema msemmija fl-Anness I.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5a, il-punt (a) u l-Artikolu 5c għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi prevalenti fil-Partijiet Kontraenti kollha fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim fl-1 ta' Ġunju 2002 fir-rigward ta':

(i) l-attivitajiet tal-aġenziji ta' impjieg temporanji u interim. B'mod partikolari, l-allinjament dinamiku tal-Iżvizzera mar-Regolament (UE) 2016/589[1] ma għandux iwassal biex l-Iżvizzera ma tkunx tista' tibqa' tapplika l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali tagħha għal dawn l-attivitajiet;

[1] Ir-Regolament (EU) 2016/589 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), kif applikabbli skont l-Anness I.

(ii) servizzi finanzjarji fejn il-provvista tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel fit-territorju ta' Parti Kontraenti u l-fornitur ikun soġġett għal superviżjoni prudenzjali mill-awtoritajiet ta' dik il-Parti Kontraenti.

ARTKOLU 5g

Perjodu ta' notifika minn qabel u kontrolli

1. L-Iżvizzera għandha tkun tista' tapplika perjodu ta' notifika minn qabel ta' mhux aktar minn 4 ijiem ta' xogħol f'setturi speċifiċi qabel il-bidu tal-forniment ta' servizz għall-fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom u li jipprovdu servizzi fit-territorju tagħha kif ukoll qabel l-istazzjonar għall-fornituri ta' servizzi li jibagħtu ħaddiema fit-territorju tagħha sabiex twettaq kontrolli fuq il-post.

2. L-Iżvizzera għandha tiddefinixxi b'mod awtonomu l-kwantità ta' kontroll u d-densità tal-kontroll, kif ukoll is-setturi u ż-żoni li għandhom jiġu kkontrollati, inklużi s-setturi u ż-żoni mhux koperti mill-perjodu ta' notifika minn qabel ta' mhux aktar minn 4 ijiem ta' xogħol, fuq il-bażi ta' analiżi oġġettiva tar-riskju, b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju, b'kont meħud li l-Ftehim jillimita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għal 90 jum ta' xogħol effettiv għal kull sena kalendarja.

3. Id-determinazzjoni tas-setturi għandha tiġi rieżaminata u aġġornata b'mod perjodiku.

ARTIKOLU 5h

Garanziji u sanzjonijiet finanzjarji

Fil-każ ta' fornituri ta' servizzi li jkunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom lejn l-awtoritajiet u l-korpi tal-infurzar imsemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar sistemi effettivi ta' kontroll inkluża s-sistema ta' infurzar doppja tal-Iżvizzera fir-rigward ta' forniment preċedenti ta' servizzi, l-Iżvizzera għandha tkun tista' titlob id-depożitu ta' garanzija finanzjarja proporzjonata qabel ma jkunu jistgħu jerġgħu jipprovdu servizzi f'setturi determinati abbażi ta' analiżi tar-riskju awtonoma u oġġettiva.

F'każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-garanzija finanzjarja, l-Iżvizzera għandha tkun tista' timponi sanzjonijiet proporzjonati sal-projbizzjoni tal-forniment ta' servizzi sakemm isir il-ħlas tal-garanzija.

ARTIKOLU 5i

Prova ta' impjieg indipendenti

Sabiex jiġi miġġieled il-fenomenu tal-impjieg indipendenti falz permezz ta' kontrolli effiċjenti u bbażati fuq ir-riskju, l-Iżvizzera għandha tkun tista' titlob lill-fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom jipprovdu dokumenti li jippermettu kontrolli effettivi fil-qafas ta' kontrolli *ex post* (l-aktar: konferma tar-reġistrazzjoni, jekk applikabbli; prova tar-reġistrazzjoni mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali bħala persuna li taħdem għal rasha fil-pajjiż ta' residenza; prova tar-relazzjoni kuntrattwali).

ARTIKOLU 5j

Nonregressjoni

1. Sabiex jinżamm il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati kif miftiehem bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni f'dan il-Ftehim fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju, l-emendi għad-Direttivi 96/71/KE[1] u 2014/67/UE[2] jew atti legali ġodda tal-Unjoni fil-qasam tal-istazzjonar tal-ħaddiema, minkejja l-Artikolu 5 tal-Protokoll Istituzzjonali ta' dan il-Ftehim, ma għandhomx jiġu integrati f'dan il-Ftehim sal-punt li l-effett tagħhom ikun li jdgħajfu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, b'mod partikolari r-remunerazzjoni u l-allowances.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe bidla fil-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati għandha tiġi vvalutata fil-globalità tagħha, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 5k

Persuni li jirċievu s-servizzi

Iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni jew tal-Iżvizzera li jidħlu fit-territorju ta' Parti Kontraenti biss biex jirċievu servizzi jistgħu jintalbu jirreġistraw f'konformità mal-atti msemmija fl-Anness I.";

---

1 Id-Direttiva 96/71/KE (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1), kif applikabbli skont l-Anness I fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

2 Id-Direttiva 2014/67/UE (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11), kif applikabbli skont l-Anness I fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

(6) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"ARTIKOLU 7a

Ħaddiem transfruntier

Ħaddiem transfrutier huwa ċittadin ta' Parti Kontraenti li jwettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha f'Parti Kontraenti u li jirrisjedi fil-Parti Kontraenti l-oħra li għaliha jirritorna, bħala regola, kuljum jew mill-anqas darba fil-ġimgħa.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn il-ħaddiem transfruntier iwettaq l-attività għal perjodi ta' xogħol itwal minn 3 xhur għal kull sena kalendarja jistgħu jirreġistraw lill-ħaddiem transfruntier għal skopijiet dikjaratorji.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu ċertifikat dikjaratorju ta' reġistrazzjoni lill-ħaddiem transfruntier mingħajr ħlas jew bi ħlas li ma jaqbiżx dak impost fuq iċ-ċittadini għall-ħruġ ta' dokumenti simili.

Ir-reġistrazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema transfruntiera kkonċernati previsti fl-atti msemmija fl-Annessi ta' dan il-Ftehim. Għal perjodi ta' xogħol iqsar minn jew sa 3 xhur, il-Partijiet Kontraenti jistgħu japplikaw il-proċedura ta' notifika skont id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-notifika tal-bidu ta' impjieg.

ARTIKOLU 7b

Studenti

Student li ma jkollux dritt ta' residenza fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra abbażi ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim jista' jkun meħtieġ jirreġistra f'konformità mal-atti msemmija fl-Anness I. Dan il-Ftehim ma jirregolax l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali jew għall-għajnuna ta' manteniment li tingħata lill-istudenti li jkunu koperti minn dan l-Artikolu.

(a) minkejja s-sentenza preċedenti, l-Artikolu 2 għandu japplika, irrispettivament mill-post ta' residenza tal-istudent, għall-miżati tat-tagħlim u l-miżati jew l-imposti l-oħrajn kollha relatati mal-istudji, kif ukoll il-mekkaniżmi kollha ta' appoġġ pubbliku relatati magħhom, applikabbli għall-istudenti;

    (i) fl-universitajiet, l-istituti tal-universitajiet, l-universitajiet tax-xjenzi applikati u istituzzjonijiet affiljati tal-edukazzjoni għolja għal kwalunkwe wieħed minn dawn fl-Iżvizzera, iffinanzjati fil-maġġoranza minn fondi pubbliċi, u

    (ii) fi kwalunkwe istituzzjoni korrispondenti fl-Unjoni;

(b) soġġett għall-preservazzjoni tal-kwalità u tal-ispeċifiċitajiet tas-sistemi edukattivi eżistenti rispettivi tagħha, inklużi s-sistemi ta' ammissjoni tagħha u l-organizzazzjoni tal-kompetenzi, kull Parti Kontraenti ma għandhiex tnaqqas il-livell ġenerali tal-istudenti fl-istituzzjonijiet tagħha msemmija taħt il-punt (a) li jkunu ċittadini tal-Partijiet Kontraenti l-oħra u li ma kellhomx dritt ta' residenza fit-territorju tagħha qabel ma bdew l-istudji tagħhom, sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni. Għall-finijiet ta' ċarezza, is-sentenza ta' hawn fuq ma għandhiex timplika obbligu għall-Partijiet Kontraenti li jimmodifikaw is-sistemi ta' ammissjoni rispettivi tagħhom jew li jirriżervaw livell minimu ta' postijiet għal studenti mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn;

(c) il-Partijiet Kontraenti ma għandhomx jiddiskriminaw fost iċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti l-oħra fl-applikazzjoni tal-punti (a) u (b).

ARTIKOLU 7c

Eżerċizzju ta' awtorità pubblika

1. Ċittadin ta' Parti Kontraenti li jeżerċita attività bħala persuna impjegata jista' jiġi rrifjutat id-dritt li jibda jaħdem fis-servizz pubbliku li jinvolvi l-eżerċizzju tas-segħta pubblika u li huwa maħsub li jipproteġi l-interessi ġenerali tal-Istat jew ta' korpi pubbliċi oħra.

2. Persuna li taħdem għal rasha tista' tiġi mċaħħda mid-dritt li teżerċita attività li tinvolvi, anke fuq bażi okkażjonali, l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika.

ARTIKOLU 7d

Ordni pubbliku

Id-drittijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jkunu ristretti biss permezz ta' miżuri li jkunu ġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika.

ARTIKOLU 7e

Residenza permanenti

L-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu d-dritt ta' residenza permanenti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38/KE[1] bħala, rispettivament, biss liċ-ċittadini tal-Unjoni u liċ-ċittadini Żvizzeri li jkunu għexu legalment għal total ta' 5 snin fl-Istat ospitanti bħala ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom, inklużi dawk li jżommu dak l-istatus f'konformità ma' dik id-Direttiva, kif ukoll il-membri tal-familja ta' tali persuni. Dment li jkunu parti minn perjodu wieħed ta' residenza legali fl-Istat ospitanti, il-perjodi li għandhom jiġu kkunsidrati ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu kontinwi iżda jistgħu jiġu interrotti minn perjodi ta' residenza legali bħala persuni ekonomikament inattivi.

Għall-fini tal-kalkolu tal-perjodi meħtieġa għall-akkwist tad-dritt ta' residenza permanenti f'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jqisux perjodi ta' 6 xhur jew aktar li matulhom il-persuna tkun dipendenti kompletament fuq l-assistenza soċjali.

Soġġett għad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-rifjut tal-assistenza soċjali u t-terminazzjoni tar-residenza qabel l-akkwist ta' residenza permanenti u f'konformità mal-Artikolu 10(6) tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim, ir-regoli dwar ir-residenza fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38/KE[2] għandhom jibqgħu applikabbli għal persuni li ma jikkwalifikawx għad-dritt ta' residenza permanenti.

---

1 Id-Direttiva 2004/38/KE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77), kif applikabbli skont l-Anness I.

2 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.

ARTIKOLU 7f

Xiri ta' proprjetà immobbli

1. Iċ-ċittadini ta' Parti Kontraenti li jkollhom id-dritt ta' residenza u r-residenza prinċipali tagħhom fl-Istat ospitanti għandhom igawdu l-istess drittijiet bħal ċittadin fir-rigward tax-xiri ta' proprjetà immobbli. Huma jistgħu jistabbilixxu r-residenza prinċipali tagħhom fl-Istat ospitanti fi kwalunkwe ħin f'konformità mar-regoli nazzjonali rilevanti irrispettivament mit-tul ta' żmien tal-impjieg tagħhom. It-tluq mill-Istat ospitanti ma għandu jinvolvi l-ebda obbligu li wieħed jiddisponi minn tali proprjetà.

2. Iċ-ċittadini ta' Parti Kontraenti li jkollhom id-dritt ta' residenza iżda li ma jkollhomx ir-residenza prinċipali tagħhom fl-Istat ospitanti għandhom igawdu l-istess drittijiet bħal ċittadin fir-rigward tax-xiri ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-attività ekonomika tagħhom. It-tluq mill-Istat ospitanti ma għandu jinvolvi l-ebda obbligu li wieħed jiddisponi minn tali proprjetà. Huma jistgħu wkoll jkunu awtorizzati jixtru t-tieni residenza jew villeġġjatura. Għal din il-kategorija ta' ċittadini, dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa r-regoli li japplikaw għall-investiment kapitali pur jew in-negozju ta' art mhux mibnija u ta' appartamenti.

3. Il-ħaddiema transfruntiera, ċittadini ta' Parti Kontraenti, għandhom igawdu l-istess drittijiet bħal ċittadin fir-rigward tax-xiri ta' proprjetà immobbli għall-attività ekonomika tagħhom u bħala residenza sekondarja. It-tluq mill-Istat ospitanti ma għandu jinvolvi l-ebda obbligu li wieħed jiddisponi minn tali proprjetà. Huma jistgħu wkoll ikunu awtorizzati jixtru villeġġjatura. Għal din il-kategorija ta' ċittadini, dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa r-regoli li japplikaw fl-Istat ospitanti għall-investiment kapitali pur jew għan-negozju ta' art mhux mibnija u ta' appartamenti.

ARTKOLU 7g

Karti tal-identità

L-Iżvizzera tista' tkompli toħroġ karti tal-identità li ma jinkludux mezz ta' ħażna li jkun fih il-marki tas-swaba' tad-detentur. Dawn il-karti tal-identità għandhom ikunu jistgħu jintgħarfu viżwalment mill-karti tal-identità li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-atti msemmija fl-Anness I li jikkonċernaw tali dokumenti. Kwalunkwe karta tal-identità bħal din maħruġa minn sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju ma tistax tintuża miċ-ċittadini Żvizzeri biex jeżerċitaw il-moviment liberu.

ARTIKOLU 7h

Tkeċċija

F'dak li jirrigwarda r-restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u d-dritt ta' residenza għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika taċ-ċittadini ta' xulxin, l-obbligi tal-Iżvizzera u tal-Istati Membri skont il-Ftehim qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandhom jinżammu.

Għalhekk, l-iżviluppi li ġejjin introdotti mill-Kapitolu VI tad-Direttiva 2004/38/KE[1] li jmorru lil hinn minn dawn l-obbligi, jiġifieri protezzjoni msaħħa kontra t-tkeċċija prevista fl-Artikolu 28(2) u (3), kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja marbuta ma' dawn id-dispożizzjonijiet, ma għandhomx japplikaw. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tkeċċijiet imsemmija fl-Artikolu 33(2) tad-Direttiva, l-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu, minflok ma japplikaw il-proċeduri stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni, jiżguraw li t-tkeċċijiet jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti skont il-Ftehim qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

---

1 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.

ARTIKOLU 7i

Dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

Il-Partijiet Kontraenti ma jistgħux jirrikjedu viża ta' dħul jew rekwiżiti ekwivalenti minn ħaddiema stazzjonati li ma jkollhomx iċ-ċittadinanza ta' Parti Kontraenti u li jgawdu minn dritt ta' dħul mingħajr tali rekwiżiti skont l-atti legali tal-Unjoni integrati fl-Anness I jew kwalunkwe strument ieħor fis-seħħ bejn il-Partijiet Kontraenti. Għal dawk il-ħaddiema stazzjonati li jeħtieġu viża ta' dħul jew rekwiżiti ekwivalenti, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tagħti lil dawn il-persuni kull faċilità biex jiksbu kwalunkwe viża meħtieġa.";

(7) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 10

Bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea

Kwalunkwe estensjoni tal-Ftehim għal Stati Membri ġodda għandha tkun soġġetta għal ftehim bejn il-Partijiet, f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom, permezz ta' protokoll. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tali protokoll għandu jinkludi miżuri tranżizzjonali, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali speċifika fl-Unjoni, b'mod partikolari fl-Istati Membri l-ġodda, u fl-Iżvizzera, filwaqt li titqies il-prattika fit-tul ta' estensjonijiet fil-passat ta' dan il-Ftehim.";

(8) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 14

Kumitat Konġunt

1. Kumitat Konġunt huwa b'dan stabbilit.

Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni u minn rappreżentant tal-Iżvizzera.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jiżgura l-funzjonament xieraq u l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni effettivi ta' dan il-Ftehim;

(b) jipprovdi forum għal konsultazzjoni reċiproka u għal skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti, b'mod partikolari bil-għan li tinstab soluzzjoni għal kwalunkwe diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-Ftehim jew ta' att legali tal-Unjoni li għalih issir referenza fil-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim;

(c) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet Kontraenti fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim;

(d) jadotta deċiżjonijiet fejn previst f'dan il-Ftehim; u

(e) jeżerċita kwalunkwe kompetenza oħra mogħtija lilu f'dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi b'kunsens.

Id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentawhom.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, b'mod alternat bejn Brussell u Bern, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Huwa għandu jiltaqa' wkoll fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti. Il-kopresidenti jistgħu jaqblu li laqgħa tal-Kumitat Konġunt issir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jaġġornahom kif meħtieġ.

7. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma jew grupp ta' esperti li jista' jassistih fil-qadi ta' dmirijietu.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"ARTIKOLU 14a

Klawżola ta' salvagwardja

1. Fil-każ ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji kkawżati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa', fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti, sabiex jeżamina miżuri xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi liema miżuri għandu jieħu fi żmien 60 jum mid-data tat-talba. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kumitat Konġunt.

2. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jadottax deċiżjoni sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' miżuri xierqa jew li jestendi dik l-iskadenza, il-Parti Kontraenti li tkun għamlet it-talba tista' tressaq il-każ quddiem tribunal tal-arbitraġġ f'każ ta' diffikultajiet ekonomiċi serji. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 6 xhur mill-istabbiliment tiegħu.

3. Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li ngħatat prova tad-diffikultajiet allegati u li dawn huma kkawżati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Parti Kontraenti li tkun għamlet it-talba tista' tadotta miżuri xierqa sabiex tirrimedja dawk id-diffikultajiet. Jekk il-miżuri adottati minn Parti Kontraenti f'konformità ma' dan il-paragrafu joħolqu żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi rispettivi skont dan il-Ftehim, il-Parti Kontraenti l-oħra tista' tieħu miżuri xierqa ta' riekwilibriju biex tirrimedja dak l-iżbilanċ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' urġenza fejn Parti Kontraenti tkun f'riskju ta' dannu ekonomiku serju ħafna kkawżat mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, dik il-Parti Kontraenti tista' tressaq il-każ quddiem tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-Appendiċi jekk il-Kumitat Konġunt jonqos milli jadotta deċiżjoni fi żmien 30 jum mit-talba. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 6 xhur mill-istabbiliment tiegħu.

5. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 4, jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li, *prima facie*, id-diffikultajiet allegati jkunu ssodisfati, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jadottaw miżuri interim u, skont il-każ, miżuri interim ta' riekwilibriju. L-Artikolu III.10 tal-Appendiċi għandu japplika, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 4(c), *mutatis mutandis*.

6. Il-miżuri u l-miżuri ta' riekwilibriju msemmija fil-paragrafi 2 sa 5 għandhom jiġu adottati fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tagħhom ma għandhomx jaqbżu dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet jew l-iżbilanċ li huma jindirizzaw. Għandha tingħata preferenza lill-miżuri u lill-miżuri ta' riekwilibriju li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim.

7. Il-miżuri u l-miżuri ta' riekwilibriju għandhom ikunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt kull 3 xhur mid-data tal-adozzjoni tagħhom bil-ħsieb li jiġu aboliti qabel id-data ta' skadenza prevista jew li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jiġi limitat għal dak strettament meħtieġ. Kull Parti Kontraenti tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-Kumitat Konġunt biex jirrieżamina dawn il-miżuri u l-miżuri ta' riekwilibriju.";

(10) l-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 18

Reviżjoni

Jekk Parti Kontraenti tixtieq li dan il-Ftehim jiġi rivedut, hija għandha tressaq proposta għal dan il-għan quddiem il-Kumitat Konġunt.

L-emendi għal dan il-Ftehim għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi tal-Partijiet Kontraenti.";

(11) l-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 21

Relazzjoni mal-ftehimiet dwar it-tassazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-Unjoni dwar it-tassazzjoni doppja ma għandhomx jiġu affettwati mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jaffettwaw id-definizzjoni fil-ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja ta' "ħaddiema transfruntiera".

2. L-ebda dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim ma tista' tiġi interpretata b'tali mod li tipprevjeni lill-Partijiet Kontraenti milli jiddistingwu, meta japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom, bejn dawk li jħallsu t-taxxa li s-sitwazzjonijiet tagħhom ma humiex komparabbli, speċjalment fir-rigward tal-post ta' residenza tagħhom. Madankollu, dan ma għandux jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni jew restrizzjoni fuq id-drittijiet tal-persuni kif definiti f'dan il-Ftehim.

3. L-ebda dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim ma għandha tipprevjeni lill-Partijiet Kontraenti milli jadottaw jew japplikaw miżuri biex jiżguraw l-impożizzjoni, il-ħlas u l-irkupru effettiv tat-taxxi jew biex jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar it-taxxa jew kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali jew bilaterali ieħor relatat kompletament jew prinċipalment mat-tassazzjoni li l-Iżvizzera, l-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru jkunu parti għalih.";

(12) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"ARTIKOLU 23a

Validità tal-permessi ta' residenza u ta' permessi speċjali oħra

Il-permessi ta' residenza u permessi speċjali oħra maħruġa mill-Partijiet Kontraenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandhom iżommu l-validità tagħhom u għandhom jiġu sostitwiti, mal-iskadenza tagħhom, b'dokumenti previsti f'dan il-Ftehim, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dawk id-dokumenti.

ARTIKOLU 23b

Arranġamenti tranżizzjonali

1. Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE[1], għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti f'dan il-paragrafu:

(a) Għandu jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni, li għandu jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju u jintemm 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

(b) L-Artikoli 5k, 7a, 7d, 7e, 7h, 7i u, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 2004/38/KE[2] għandhom japplikaw mill-ewwel jum wara dak tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

(c) L-effetti tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Ftehim fil-verżjoni ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandhom jinżammu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni:

– l-Artikoli 1 sa 7 u l-Artikolu 16, u

– l-Artikoli 1 sa 9, 12 sa 15, 17, 19, 20, 23 u l-Artikolu 24, ħlief l-aħħar sentenza tal-Artikolu 24(4), tal-Anness I.

1 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.
2 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.

Dawk id-dispożizzjonijiet ma għandhom jipproduċu l-ebda effett fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' atti oħra msemmija fl-Anness I, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 492/2011[1] u r-Regolament (UE) 2016/589[2] imsemmija fl-Anness I, it-Taqsima 2.

2. Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE[3] u d-Direttiva 2014/67/UE[4], għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti f'dan il-paragrafu:

(a) Għandu jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni li għandu jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju u jintemm 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

(b) L-Artikolu 5f(2), l-Artikoli 5g, 5h, 5i u, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 96/71/KE[5] u d-Direttiva 2014/67/UE[6] għandhom ikunu applikabbli mill-ewwel jum wara dak tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

(c) L-effetti tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Ftehim fil-verżjoni ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandhom jinżammu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni:

– l-Artikolu 5(4), u l-Artikolu 16, u

– l-Anness I, l-Artikolu 22(2).

Dawk id-dispożizzjonijiet ma għandhom jipproduċu l-ebda effett fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' atti oħra msemmija l-Anness I, it-Taqsima 2.";

1 Ir-Regolament kif applikabbli skont l-Anness I.
2 Ir-Regolament kif applikabbli skont l-Anness I.
3 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.
4 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.
5 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.
6 Id-Direttiva kif applikabbli skont l-Anness I.

(13) l-Artikolu 24 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"ARTIKOLU 24

Kamp ta’ applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorju li fih japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ "TFUE") u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawk it-Trattati, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Iżvizzera.";

(14) l-Anness I tal-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I mehmuż ma’ dan il-Protokoll;

(15) l-Anness II tal-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II mehmuż ma’ dan il-Protokoll;

(16) l-Anness III tal-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness III mehmuż ma’ dan il-Protokoll;

(17) il-Protokoll dwar ir-residenzi sekondarji fid-Danimarka għandu jiġi sostitwit bit-test fil-Protokoll dwar ir-residenzi sekondarji fid-Danimarka mehmuż ma’ dan il-Protokoll;

(18) l-Anness I tal-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta’ Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell fis-26 ta’ Ottubru 2004, huwa mħassar;

(19) it-test tal-Protokoll dwar l-akkwist ta' proprjetà immobbli f'Malta mehmuż ma' dan il-Protokoll, huwa miżjud bħala dokument mehmuż mal-Ftehim;

(20) it-test tal-Protokoll dwar il-Permessi ta' Residenza fit-Tul, mehmuż ma' dan il-Protokoll, huwa miżjud bħala dokument mehmuż mal-Ftehim;

(21) id-Dikjarazzjonijiet Konġunti u d-Dikjarazzjoni Unilaterali, mehmuża ma' dan il-Protokoll, huma miżjuda mad-Dikjarazzjonijiet mehmuża mal-Att Finali tal-Ftehim.

ARTIKOLU 2

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Unjoni u mill-Iżvizzera f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

2. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar notifika rigward l-istrumenti li ġejjin:

(a) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(b) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(c) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(d) il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(e) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(f) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(g) il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(h) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli;

(i) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità;

(j) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità;

(k) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea;

(l) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni;

(m) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

Magħmul fi […], nhar […] f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

(Blokka tal-Firem, bl-effett ta', bl-24 lingwa kollha tal-UE: "Għall-Unjoni Ewropea" u "Għall-Konfederazzjoni Żvizzera")

**ANNESS I**

EMENDI GĦALL-ANNESS I TAL-FTEHIM

L-Anness I tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS I**

IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI, ID-DRITT TA' STABBILIMENT
U L-FORNIMENT TA' SERVIZZI

TAQSIMA 1

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 2 sa 9 ta' dan il-Ftehim, l-atti legali tal-Unjoni elenkati fit-Taqsima 2 ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw soġġett għall-prinċipju ta' allinjament dinamiku msemmi fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim, kif ukoll soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 7 ta' dak l-Artikolu.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-drittijiet u l-obbligi previsti fl-atti legali tal-Unjoni integrati f'dan l-Anness għall-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jinftiehmu li huma previsti għall-Iżvizzera. Dan għandu jiġi applikat b'rispett sħiħ tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tal-Protokoll Istituzzjonali, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-dispożizzjonijiet tal-atti elenkati fit-Taqsima 2 li jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni lil Stati Membri oħra jew lill-Kummissjoni għandhom japplikaw għall-Iżvizzera. Meta din l-informazzjoni tkun relatata mas-sorveljanza jew mal-applikazzjoni, l-Iżvizzera għandha tikkomunika din l-informazzjoni permezz tal-Kumitat Konġunt.

TAQSIMA 2

ATTI MSEMMIJA:

1. 31977 L 0486: Id-Direttiva tal-Kunsill 77/486/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar l-edukazzjoni tat-tfal ta' ħaddiema migranti (ĠU L 199, 6.8.1977, p. 32).

2. 31996 L 0071: Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1), kif emendata minn:

   – 32018 L 0957: Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 1(-1a), il-kliem "l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni" huma sostitwiti bil-kliem "l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fl-Iżvizzera";

(b) fl-Artikolu 1(3):

   (i) il-punt (c) ma għandux japplika għall-Iżvizzera;

   (ii) it-tieni u t-tielet subparagrafi ma għandhomx japplikaw għall-Iżvizzera;

(c) fl-Artikolu 3:

   (i) il-paragrafu 1b ma għandux japplika għall-Iżvizzera;

   (ii) fil-paragrafu 10, il-kliem "mat-Trattat" huwa sostitwit bil-kliem "mal-Ftehim";

(d) fl-Artikolu 4(2):

   (i) fl-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza, il-kliem "il-Kummissjoni għandha tkun infurmata u għandha tieħu miżuri xierqa" huwa sostitwit bil-kliem "il-Kumitat Konġunt għandu jiġi infurmat bil-għan li tinstab soluzzjoni.";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera għandhom jikkooperaw mill-qrib fi ħdan il-Kumitat Konġunt biex jeżaminaw kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala' bejn il-Partijiet Kontraenti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(10)";

(e) għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum wara dak tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fl-Artikolu 23b(2) tal-Ftehim.

3. 32004 L 0038: Id-Direttiva 2004/38/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, kif ikkoreġuta minn: ĠU L 229, 29.6.2004, p. 35, ĠU L 30, 3.2.2005, p. 27 u ĠU L 197, 28.7.2005, p. 34).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) dan il-Ftehim japplika għaċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti. Madankollu, il-membri tal-familja tagħhom skont it-tifsira tad-Direttiva li jkollhom ċittadinanza ta' pajjiż terz għandhom jiksbu ċerti drittijiet f'konformità mad-Direttiva;

(b) it-termini "ċittadin tal-Unjoni" u "ċittadini tal-Unjoni" huma sostitwiti bit-termini "ċittadin ta' Stat Membru jew tal-Iżvizzera" u "ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera", rispettivament;

(c) L-Artikolu 16 għandu jaqra kif ġej:

"1. Iċ-ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera li jkunu għexu legalment fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1), il-punt (a), jew (3) għal total ta' 5 snin fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra għandu jkollhom id-dritt ta' residenza permanenti hemmhekk. Dan id-dritt ma għandux ikun soġġett għall-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III.

2. Dment li jkunu parti minn perjodu wieħed ta' residenza legali fl-Istat ospitanti, il-perjodi li għandhom jiġu kkunsidrati għall-iskop tal-kalkolu tal-akkwist ta' residenza permanenti skont il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu kontinwi iżda jistgħu jiġu interrotti minn perjodi ta' residenza legali mhux fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1), il-punt (a), jew (3).

3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodi meħtieġa għall-akkwist tad-dritt ta' residenza permanenti f'konformità mal-paragrafu 1, l-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jqisux perjodi ta' 6 xhur jew aktar li matulhom il-persuna tkun dipendenti kompletament fuq l-assistenza soċjali.

4. Id-dritt ta' residenza permanenti għandu jinkiseb ukoll minn membri tal-familja li jkunu għexu legalment ma' ċittadin ta' Stat Membru jew tal-Iżvizzera fl-Istat ospitanti għal perjodu kontinwu ta' 5 snin.

5. Il-kontinwità tar-residenza ma għandhiex tiġi affettwata minn assenzi temporanji li ma jaqbżux total ta' 6 xhur fis-sena, jew minn assenzi ta' tul itwal għal servizz militari obbligatorju, jew minn assenza waħda ta' massimu ta' 12-il xahar konsekuttiv għal raġunijiet importanti bħat-tqala u t-twelid, mard serju, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew stazzjonament f'pajjiż ieħor.

6. Ladarba jinkiseb, id-dritt ta' residenza permanenti għandu jintilef biss minħabba assenza mill-Istat ospitanti għal perjodu li jaqbeż is-sentejn konsekuttivi.

7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri u l-Iżvizzera jistgħu jiddeċiedu li d-dritt ta' residenza permanenti jinkiseb minn ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera li kienu residenti legalment għal perjodu kontinwu ta' 5 snin fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra.";

(d) fl-Artikolu 24:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "fit-Trattat u fil-liġi sekondarja" għandhom jaqraw "fil-Ftehim";

(ii) il-paragrafu 2 huwa sostitwit bis-segwenti:

"B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istat ospitanti ma għandux ikun obbligat jagħti intitolament għal assistenza soċjali matul l-ewwel 3 xhur ta' residenza jew, fejn xieraq, il-perjodu itwal previst fl-Artikolu 14(4), il-punt (b), u lanqas ma għandu jkun obbligat jagħti għajnuna ta' manteniment għal studji, inkluż taħriġ vokazzjonali, li jikkonsisti f'għotjiet lil studenti jew self lil studenti lil persuni minbarra ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom, persuni li jżommu tali status u membri tal-familja tagħhom.";

(e) fl-Artikolu 28, il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw;

(f) fl-Artikolu 33, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Iżvizzera u l-Istati Membri jistgħu, minflok ma japplikaw il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 2, jiżguraw li l-infurzar tal-ordnijiet ta' tkeċċija jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 64/221/KEE*

---

* Id-Direttiva tal-Kunsill 64/221/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar il-koordinazzjoni ta' miżuri speċjali rigward il-moviment u r-residenza ta' ċittadini barranin li huma ġġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika (ĠU 56, 4.4.1964, p. 850), kif applikabbli fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-1 ta' Ġunju 2002";

(g) għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva għandha tapplika mill-ewwel jum wara dak tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fl-Artikolu 23b(1) ta' dan il-Ftehim.

4. 32006 R 0635: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 635/2006 tal-25 ta' April 2006 li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1251/70 dwar id-dritt tal-ħaddiema li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li kienu impjegati f'dak l-Istat (ĠU L 112, 26.4.2006, p. 9).

5. 32011 R 0492: Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1), kif emendat minn:

– 32016 R 0589: Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1),

– 32019 R 1149: Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 9(1) għandu jaqra: "Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7f tal-Ftehim, ħaddiem li jkun ċittadin ta' Parti Kontraenti u li jkun impjegat fit-territorju ta' Parti Kontraenti oħra għandu jgawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha mogħtija lill-ħaddiema nazzjonali fi kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni, inkluża s-sjieda tal-akkomodazzjoni li jeħtieġ.";

(b) fl-Artikolu 36:

(i) il-paragrafu 1 ma għandux japplika;

(ii) fil-paragrafu 2, ir-referenza għal "miżuri meħudin skont l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea" għandha tinqara bħala referenza għall-atti legali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà soċjali integrati f'dan il-Ftehim.

6. 32012 R 1024: Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1), kif emendat minn:

- 32013 L 0055: Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132),

- 32014 L 0060: Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1), kif ikkoreġuta minn: ĠU L 147, 12.6.2015, p. 24,

- 32014 L 0067: Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11),

- 32016 R 1191: Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1),

- 32016 R 1628: Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53), kif ikkoreġut minn: ĠU L 231, 6.9.2019, p. 29,

- 32018 R 1724: Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1),

- 32020 L 1057: Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49),

– 32020 R 1055: Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17).

L-Iżvizzera għandha tuża s-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information System) bħala pajjiż terz għall-iskambji ta’ informazzjoni, inkluża data personali, ma’ atturi tal-IMI fl-Unjoni biex timplimenta proċeduri ta’ kooperazzjoni amministrattiva fejn applikabbli għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim.

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-Kummissjoni tkompli tqis li l-Iżvizzera tipprovdi protezzjoni adegwata tad-data personali kif imsemmi fl-Artikolu 23(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 sakemm id-Deċiżjoni 2000/518/KE[1] tibqa’ fis-seħħ. Għall-finijiet ta’ dan l-Anness u kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE u fl-Artikoli 6, 7, fl-Artikolu 10(3), u fl-Artikoli 14 sa 18 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Iżvizzera għandha tuża l-IMI f’konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet tal-iskambji stabbiliti f’dawk l-Artikoli.

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-Commissions Paritaires Żvizzeri għandhom jitqiesu bħala awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu, il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 u l-Artikolu 2, il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE. Huma għandhom jużaw l-IMI biex iwettqu l-kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE u fl-Artikoli 6, 7 u l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2014/67/UE meta, kif fdati mill-Iżvizzera, huma jeżegwixxu l-ftehimiet kollettivi tax-xogħol Żvizzeri u l-liġi Żvizzera dwar il-ħaddiema stazzjonati, f’konformità mad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta’ Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta’ data personali pprovduta fl-Iżvizzera (ĠU L 215, 25.8.2000, p. 1), inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 5, l-ewwel sentenza, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(b) l-Artikolu 8(1), il-punt (e), ma għandux japplika fir-rigward tal-Iżvizzera;

(c) fl-Artikolu 9(5), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "mal-liġi tal-Unjoni" għandu jiġi sostitwit b'"mad-dritt tal-Unjoni kif integrat f'dan il-Ftehim";

(d) fl-Artikolu 10(1), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "f'konformità mal-leġiżlazzjoni Żvizzera";

(e) fl-Artikolu 16(1) u (2), ir-referenzi għad-Direttiva 95/46/KE għandhom jinftiehmu, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(f) fl-Artikolu 17(4), ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(g) fl-Artikolu 18(1), ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(h) fl-Artikolu 20, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(i) fl-Artikolu 21:

(i) fil-paragrafu 1, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(ii) il-paragrafu 3 ma għandux japplika;

(j) l-Artikolu 25 ma għandux japplika;

(k) l-Artikolu 26(1) għandu jinqara f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim;

(l) l-Iżvizzera għandha tiġi inkluża fl-IMI fl-ewwel jum tas-37 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

7. 32014 L 0054: Id-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) il-kliem "ħaddiema tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kelma "ħaddiema";

(b) fl-Artikoli 1, il-kliem "mill-Artikolu 45 tat-TFUE" huwa sostitwit bil-kliem "mill-Ftehim" u fl-Artikolu 3, il-kliem "l-Artikolu 45 tat-TFUE" huwa sostitwit bil-kliem "il-Ftehim";

(c) fl-Artikolu 4, il-kliem "regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema" huwa sostitwit bil-kliem "regoli dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema skont il-Ftehim" u l-kelma "SOLVIT" ma għandhiex tapplika;

(d) fl-Artikolu 6, il-kliem "mil-liġi tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kelma "mill-Ftehim";

(e) fl-Artikolu 7, il-kliem "l-Artikolu 21 tat-TFUE u d-Direttiva 2004/38/KE" huwa sostitwit bil-kelma "il-Ftehim";

(f) għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum tal-25 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

8. 32014 L 0067: Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 1:

(i) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-kliem " filwaqt li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà ta' prestazzjoni tas-servizzi għal fornituri ta' servizz u b'hekk tappoġġa l-funzjonament tas-suq intern" għandu jinqara "filwaqt li tiffaċilita, sa fejn previst fil-Ftehim, l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tippromwovi, sa fejn previst fil-Ftehim, kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri tas-servizzi, u b'hekk tappoġġa l-funzjonament tal-oqsma relatati mas-suq intern li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fl-Iżvizzera";

(b) fl-Artikolu 4(3), il-punt (c), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "skont ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) u/jew il-Konvenzjoni ta' Ruma" huwa sostitwit bil-kliem "skont il-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, magħmula f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007";

(c) fl-Artikolu 6:

(i) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu, il-kliem "il-Kummissjoni filwaqt li tkun infurmata, fejn rilevanti permezz tal-IMI, għandha tieħu miżuri xierqa" huwa sostitwit bi "il-Kumitat Konġunt għandu jiġi infurmat bil-għan li tinstab soluzzjoni.";

(ii) fil-paragrafu 10, il-kliem "liġi rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "liġi rilevanti nazzjonali u l-Ftehim".

(d) fl-Artikolu 7(6), il-kliem "liġi tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kelma "Ftehim".

(e) fl-Artikolu 9:

(i) fil-paragrafu 1:

– fl-ewwel subparagrafu, il-kliem "il-liġi tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kelma "il-Ftehim";

– fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), il-kliem "mhux aktar tard minn meta tibda l-prestazzjoni tas-servizz" għandu jinqara, għall-Iżvizzera, "mhux aktar tard minn meta tibda l-prestazzjoni tas-servizz, massimu ta' 4 ijiem tax-xogħol f'setturi speċifiċi qabel l-istazzjonar għall-fornituri ta' servizzi li jistazzjonaw lill-ħaddiema fit-territorju tagħha sabiex iwettqu kontrolli fuq il-post (l-Iżvizzera għandha tiddefinixxi b'mod awtonomu s-setturi u ż-żoni koperti mill-perjodu ta' notifika minn qabel abbażi ta' analiżi tar-riskju oġġettiva, b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju, filwaqt li jitqies li l-Ftehim jillimita l-libertà li jiġu fornuti servizzi għal 90 jum ta' xogħol reali għal kull sena kalendarja)":

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "mill-Ftehim";

(iii) fil-paragrafu 5, it-tieni u t-tielet subparagrafi ma għandhomx japplikaw għall-Iżvizzera;

(f) fl-Artikolu 10(2), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"L-Iżvizzera għandha tiddefinixxi b'mod awtonomu l-kwantità ta' kontroll u d-densità ta' kontroll, kif ukoll is-setturi u ż-żoni li għandhom jiġu kkontrollati, abbażi ta' analiżi tar-riskju oġġettiva, b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorja, filwaqt li jitqies li l-Ftehim jillimita l-libertà li jiġu fornuti servizzi għal 90 jum ta' xogħol reali għal kull sena kalendarja";

(g) fl-Artikolu 12:

(i) fil-paragrafu 4, il-kliem "liġi tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "Ftehim";

(ii) fil-paragrafu 6, il-kliem "mal-liġi u/jew il-prassi tal-Unjoni u nazzjonali" huwa sostitwit bil-kliem "mal-Ftehim u mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali";

(iii) il-paragrafu 8 ma għandux japplika għall-Iżvizzera;

(h) fl-Artikolu 20, jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Fil-każ ta' forndituri ta' servizzi li naqsu milli jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom lejn l-awtoritajiet u l-korpi tal-infurzar fir-rigward ta' prestazzjoni ta' servizzi preċedenti, l-Iżvizzera għandha tkun tista' tirrikjedi d-depożitu ta' garanzija finanzjarja proporzjonata qabel ma jkunu jistgħu jerġgħu jipprovdu servizzi f'setturi ddeterminati abbażi ta' analiżi tar-riskju awtonoma u oġġettiva. F'każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-garanzija finanzjarja, l-Iżvizzera għandha tkun tista' timponi sanzjonijiet proporzjonati sal-projbizzjoni li jipprovdu servizzi sakemm titħallas il-garanzija.";

(i) għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum wara dak tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fl-Artikolu 23b(2) tal-Ftehim.

9. 32016 R 0589: Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), kif emendat minn:

– 32019 R 1149: Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) għall-finijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni tkompli tqis li l-Iżvizzera tipprovdi protezzjoni adegwata tad-data personali kif imsemmi fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/589 sakemm id-Deċiżjoni 2000/518/KE[1] tibqa’ fis-seħħ;

(b) il-kliem “l-Artikolu 45 TFUE” huwa sostitwit bil-kliem “l-Artikolu 4 tal-Ftehim”;

(c) il-kliem “ċittadini tal-Unjoni” huwa sostitwit bil-kliem “ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera”;

(d) fl-Artikolu 6:

(i) ir-referenzi għall-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għall-Artikolu 145 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx japplikaw;

(ii) fil-punt (d), il-kliem “fl-Unjoni” huwa sostitwit b’“fl-Unjoni u fl-Iżvizzera” u l-kliem “f’konformità mal-liġi u l-prassi tal-Unjoni u dawk nazzjonali” huwa sostitwit b’“f’konformità mal-Ftehim u mal-liġi u l-prassi nazzjonali”;

(e) fl-Artikolu 9(4), il-punt (c), il-kliem “regoli u l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni” huwa sostitwit bil-kliem “regoli u strumenti eżistenti applikabbli skont il-Ftehim”;

1 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/518/KE tas-26 ta’ Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta’ data personali pprovduta fl-Iżvizzera, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti.

(f) fl-Artikolu 34, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

10. 32017 D 1255: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1255 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar mudell għad-deskrizzjoni tas-sistemi u l-proċeduri nazzjonali biex idaħħlu organizzazzjonijiet bħala Membri u Sħab tal-EURES (ĠU L 179, 12.7.2017, p. 18).

11. 32017 D 1256: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1256 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-mudelli u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma nazzjonali tan-network EURES fil-livell tal-Unjoni (ĠU L 179, 12.7.2017, p. 24).

12. 32017 D 1257: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1257 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-istandards u l-formati tekniċi meħtieġa għal sistema uniformi li tippermetti t-tqabbil ta' postijiet tax-xogħol battala ma' applikazzjonijiet għax-xogħol u CVs fuq il-portal EURES (ĠU L 179, 12.7.2017, p. 32).

13. 32018 D 0170: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170 tat-2 ta' Frar 2018 dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-data sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-network tal-EURES (ĠU L 31, 3.2.2018, p. 104).

14. 32018 D 1020: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1020 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni u l-aġġornament tal-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea għall-fini tat-tlaqqigħ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES (ĠU L 183, 19.7.2018, p. 17).

15. 32018 D 1021: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1021 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni ta' standards u formati tekniċi meħtieġa għall-operazzjoni tat-tlaqqigħ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni Ewropea (ĠU L 183, 19.7.2018, p. 20).

16. 32018 R 1724: Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1), kif emendat minn:

– 32022 R 0868: Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1),

– 32024 R 1252: Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024),

– 32024 R 1735: Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024).

Uħud mill-oqsma msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724 u xi wħud mill-proċeduri msemmija fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-integrazzjoni ta' dak ir-Regolament f'dan il-Ftehim hija mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 1(1):

(i) fil-punt (a), il-kliem "mogħtija mil-liġi tal-Unjoni fil-qasam tas-suq intern, skont it-tifsira tal-Artikolu 26(2) tat-TFUE" huwa sostitwit bil-kliem "mogħtija mill-Ftehim";

(ii) fil-punt (b), ir-referenzi għad-Direttivi 2006/123/KE, 2014/24/UE u 2014/25/UE ma għandhomx japplikaw;

(b) fl-Artikolu 13(2), il-punt (c), ir-referenza għar-Regolament (UE) Nru 910/2014 għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(c) fl-Artikolu 14:

(i) fil-paragrafu 1, ir-referenzi għad-Direttivi 2006/123/KE, 2014/24/UE u 2014/25/UE ma għandhomx japplikaw;

(ii) fil-paragrafu 5, ir-referenza għar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(d) fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ir-referenza għar-Regolament (UE) Nru 910/2014 għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

17. 32019 R 1157: Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) it-termini "ċittadin tal-Unjoni" u "ċittadini tal-Unjoni" huma sostitwiti bit-termini "ċittadin ta' Stat Membru jew tal-Iżvizzera" u "ċittadini tal-Istati Membri u tal-Iżvizzera", rispettivament;

(b) fl-Artikolu 3:

(i) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra" ma għandux japplika;

(ii) fil-paragrafu 5, fir-rigward tal-Iżvizzera, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-karti tal-identità jinħarġu mingħajr mezz ta' ħżin sikur ħafna li jkun fih iż-żewġ marki tas-swaba' tad-detentur, tali karti tal-identità ma għandhomx jiġu aċċettati għall-finijiet ta' dħul u residenza f'Partijiet Kontraenti oħrajn u għandhom ikunu distinti viżwalment mill-karti tal-identità li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu.";

(c) fl-Artikolu 5:

(i) fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "sat-3 ta' Awwissu 2031" għandu jinqara "sa 11-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni ("il-Protokoll Emendatorju")";

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "sat-3 ta' Awwissu 2026" għandu jinqara "sa 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju";

(d) fl-Artikolu 6, il-punt (h), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi tnax-il stilla safra" ma għandux japplika;

(e) fl-Artikolu 7(2), fir-rigward tal-Istati Membri, il-kliem "Membru tal-Familja UE" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Membru tal-Familja CH";

(f) fl-Artikolu 8:

(i) fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "sat-3 ta' Awwissu 2026" għandu jinqara "sa 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju";

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "sat-3 ta' Awwissu 2023" għandu jinqara "sa 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju";

(g) fl-Artikolu 10(2), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "fil-Karta" ma għandux japplika;

(h) fl-Artikolu 11:

(i) fir-rigward tal-Iżvizzera, ir-referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jinftiehmu bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

(ii) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali" għandha tinqara "il-Ftehim jew id-dritt nazzjonali";

(i) fl-Artikolu 16, fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "mit-2 ta' Awwissu 2021" għandu jinqara "minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju";

18. 32020 R 1121: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1121 tad-29 ta' Lulju 2020 dwar il-ġbir u l-kondiviżjoni tal-istatistika u l-feedback mingħand l-utenti dwar is-servizzi tal-gateway diġitali unika skont ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 245, 30.7.2020, p. 3).".

________________

**ANNESS II**

KOORDINAZZJONI TAL-ISKEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Emendi għall-Anness II tal-Ftehim

L-Anness II tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS II**

IL-KOORDINAZZJONI TAL-ISKEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

I. INTRODUZZJONI

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 2 sa 9 tal-Ftehim, l-atti legali tal-Unjoni elenkati fit-Taqsima II ta' dan l-Anness għandhom japplikaw soġġett għall-prinċipju ta' allinjament dinamiku msemmi fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim, kif ukoll soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 7 ta' dak l-Artikolu.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-drittijiet u l-obbligi previsti fl-atti legali tal-Unjoni integrati f'dan l-Anness għall-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jinftiehmu li huma previsti għall-Iżvizzera. Dan għandu jiġi applikat b'rispett sħiħ tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-dispożizzjonijiet tal-atti elenkati fit-Taqsima II li jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni lil Stati Membri oħra jew lill-Kummissjoni għandhom japplikaw għall-Iżvizzera. Meta din l-informazzjoni tkun relatata mas-sorveljanza jew mal-applikazzjoni, l-Iżvizzera għandha tikkomunika din l-informazzjoni permezz tal-Kumitat Konġunt.

II. ADATTAMENTI SETTORJALI

1. Fir-rigward tal-atti elenkati f'dan l-Anness, għandhom japplikaw l-eċċezzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-Iżvizzera:

(a) il-leġiżlazzjoni kantonali dwar il-ħlasijiet bil-quddiem tal-pagamenti tal-manteniment għandha tiġi eskluża mir-regoli ta' koordinazzjoni dwar is-sigurtà soċjali;

(b) il-benefiċċji supplimentari u benefiċċji simili previsti skont il-leġiżlazzjoni kantonali ma għandhomx jiġu esportati;

(c) il-benefiċċji mħallta mhux kontributorji fil-każ ta' qgħad, kif previst mil-leġiżlazzjoni kantonali, ma għandhomx jiġu esportati;

(d) persuni li għalihom japplika l-Ftehim u li jirrisjedu barra mill-Iżvizzera u l-Unjoni jistgħu jissieħbu fl-iskema ta' assigurazzjoni volontarja mhux aktar tard minn sena mid-data li fiha ma baqgħux koperti b'assigurazzjoni għall-anzjanità, għas-superstiti u għall-invalidità u wara perjodu kontinwu ta' assigurazzjoni ta' mill-anqas 5 snin;

(e) persuni li jaħdmu barra mill-Iżvizzera u mill-Unjoni għal impjegatur fl-Iżvizzera u li ma jibqgħux assigurati taħt l-assigurazzjoni Żvizzera għall-anzjanità, għas-superstiti u għall-invalidità wara perjodu kontinwu ta' assigurazzjoni ta' mill-anqas 5 snin jistgħu jkomplu l-assigurazzjoni, bil-kunsens tal-impjegatur, jekk jippreżentaw applikazzjoni fi żmien 6 xhur mid-data li fiha jkunu waqfu milli jkunu assigurati;

(f) il-benefiċċju għal min ma jistax jgħin lilu nnifsu mogħti skont il-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959 u skont il-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-anzjanità u tas-superstiti tal-20 ta' Diċembru 1946 ma għandux jiġi esportat.

2. Il-modalitajiet għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u fil-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Data u fil-Bord tal-Verifika, it-tnejn mehmuża mal-Kummissjoni Amministrattiva, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

L-Iżvizzera tista' tibgħat rappreżentant, preżenti f'kapaċità konsultattiva (osservatur), għal-laqgħat tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, marbuta mal-Kummissjoni Ewropea, u għal-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika għall-ipproċessar tad-data u tal-Bord tal-Verifika.

3. Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-arranġamenti tranżitorji relatati mal-assigurazzjoni tal-qgħad għaċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri li għandhom permess ta' residenza Żvizzeru validu għal anqas minn sena, dwar il-benefiċċji Żvizzeri għal persuni mingħajr għajnuna u dwar il-perjodu tranżitorju għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għall-iskema ta' pensjoni estiża skont il-pjanijiet ta' benefiċċju okkupazzjonali huma stabbiliti fil-Protokoll I, li jifforma parti integrali minn dan l-Anness.

4. L-arranġamenti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet miksuba minn individwi privati skont dan il-Ftehim bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni huma stabbiliti fil-Protokoll II, li jifforma parti integrali minn dan l-Anness.

A. KOORDINAZZJONI ĠENERALI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

A.1 ATTI MSEMMIJA

1. 32004 R 0883: Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1), kif ikkoreġut minn: ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1 u ĠU L 204, 4.8.2007, p. 30, kif emendat minn:

– 32009 R 0988: Ir-Regolament (UC) 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 43),

– 32010 R 1244: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35),

– 32012 R 0465: Ir-Regolament (UE) 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4),

– 32012 R 1224: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 45),

– 32013 R 0517: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1),

– 32013 R 1372: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2013 tad-19 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 27), kif emendat minn:

– 32014 R 1368: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1368/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 15), kif ikkoreġut minn: ĠU L 288, 22.10.2016, p. 58,

– 32017 R 0492: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta' Marzu 2017 (ĠU L 76, 22.3.2017, p. 13),

– 32019 R 1149: Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu jiġi adattat kif ġej:

(a) it-test li ġej jiżdied mal-Anness I, it-Taqsima I:

"L-Iżvizzera

Il-leġiżlazzjoni kantonali dwar l-avvanzi tal-pagamenti tal-manteniment ibbażata fuq l-Artikolu 131a, il-paragrafu 1 u l-Artikolu 293, il-paragrafu 2, tal-Att Ċivili Federali tal-10 ta' Diċembru 1907.";

(b) it-test li ġej jiżdied mal-Anness I, it-Taqsima II:

"L-Iżvizzera

Għotjiet għat-twelid u għotjiet għall-adozzjoni skont il-leġiżlazzjoni kantonali rilevanti bbażata fuq l-Artikolu 3, il-paragrafu 2, tal-Liġi Federali dwar il-Benefiċċji tal-Familja tal-24 ta' Marzu 2006.";

(c) it-test li ġej jiżdied mal-Anness II:

"Il-Ġermanja-L-Iżvizzera

(a) Il-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-25 ta' Frar 1964, kif emendata mill-Konvenzjonijiet Komplimentari Nru 1 tad-9 ta' Settembru 1975 u Nru 2 tat-2 ta' Marzu 1989:

(i) il-punt 9b, il-paragrafu 1, Nri 1-4 tal-Protokoll Finali (leġiżlazzjoni applikabbli u l-jedd għal benefiċċji *in natura* f'każ ta' mard għar-residenti taż-żona Ġermaniża ta' Büsingen);

(ii) il-punt 9e, il-paragrafu 1(b), l-ewwel, it-tieni u r-raba' sentenzi, tal-Protokoll Finali (aċċess għall-assigurazzjoni volontarja f'każ ta' mard fil-Ġermanja b'rilokazzjoni fil-Ġermanja).

(b) Il-Konvenzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-qgħad tal-20 ta' Ottubru 1982, kif emendata mill-Protokoll Addizzjonali tat-22 ta' Diċembru 1992:

L-Artikolu 8(5), il-Ġermanja (distrett ta' Büsingen) għandha tikkontribwixxi somma ekwivalenti għall-kontribuzzjoni kantonali skont il-liġi Żvizzera għall-ispejjeż ta' postijiet effettivi għall-ħaddiema fuq miżuri ta' promozzjoni tal-impjiegi soġġetti għal din id-dispożizzjoni.

Spanja-L-Iżvizzera

Il-punt 17 tal-Protokoll Finali għall-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-13 ta' Ottubru 1969, kif emendat mill-Konvenzjoni Komplementari tal-11 ta' Ġunju 1982; il-persuni assigurati taħt l-iskema Spanjola bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni huma eżentati mir-rekwiżit li jissieħbu fl-iskema Żvizzera ta' assigurazzjoni tal-mard.

L-Italja-L-Iżvizzera

L-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-14 ta' Diċembru 1962, kif emendata mill-Konvenzjoni Komplementari Nru 1 tat-18 ta' Diċembru 1963, il-Ftehim Komplementari tal-4 ta' Lulju 1969, il-Protokoll Addizzjonali tal-25 ta' Frar 1974 u l-Ftehim Komplementari Nru 2 tat-2 ta' April 1980.";

(d) it-test li ġej jiżdied mal-Anness IV:

"L-Iżvizzera";

(e) it-test li ġej jiżdied mal-Anness VIII, il-parti 1:

"L-Iżvizzera

Il-pretensjonijiet kollha għall-pensjonijiet tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità skont l-iskema bażika (il-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-anzjanità u tas-superstiti tal-20 ta' Diċembru 1946 u l-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959) u l-pensjonijiet tal-anzjanità mill-iskema ta' pensjoni minima u estiża skont il-pjanijiet statutorji ta' benefiċċju okkupazzjonali (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet ta' benefiċċji okkupazzjonali għall-assigurazzjoni tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità tal-25 ta' Ġunju 1982).";

(f) it-test li ġej jiżdied mal-Anness VIII, il-parti 2:

"L-Iżvizzera

Il-pensjonijiet għall-anzjanità, għas-superstiti u għall-invalidità mill-iskema ta' pensjoni minima u estiża skont il-pjanijiet statutorji ta' benefiċċju okkupazzjonali (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet ta' benefiċċju okkupazzjonali għall-assigurazzjoni tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità tal-25 ta' Ġunju 1982).";

(g) it-test li ġej jiżdied mal-Anness IX, il-parti II:

"L-Iżvizzera

Il-pensjonijiet tas-superstiti u tal-invalidità mill-iskema ta' pensjoni minima u estiża skont il-pjanijiet statutorji ta' benefiċċju okkupazzjonali (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet ta' benefiċċju okkupazzjonali għall-assigurazzjoni tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità tal-25 ta' Ġunju 1982).";

(h) it-test li ġej jiżdied mal-Anness X:

"L-Iżvizzera

1. Il-benefiċċji supplimentari (Il-Liġi Federali dwar il-Benefiċċji Supplimentari tas-6 ta' Ottubru 2006) u benefiċċji simili previsti fil-leġiżlazzjoni kantonali.

2. Il-pensjonijiet fil-każ ta' tbatija taħt l-assigurazzjoni għall-invalidità (l-Artikolu 28, is-subparagrafu 1a tal-Liġi Federali dwar l-Assigurazzjoni għall-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959, kif emendata fis-7 ta' Ottubru 1994).

3. Il-benefiċċji mħallta mhux kontributorji fil-każ ta' qgħad, kif previst fil-leġiżlazzjoni kantonali.

4. Pensjonijiet tal-invalidità straordinarji mhux kontributorji għal persuni b'diżabbiltà (l-Artikolu 39 tal-Liġi Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959) li ma kinux soġġetti, qabel l-inkapaċità tagħhom għax-xogħol, għal-leġiżlazzjoni Żvizzera abbażi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha.";

(i) jiżdied it-test li ġej mal-Anness XI:

"L-Iżvizzera

1. L-Artikolu 2 tal-Liġi Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Anzjanità u tas-Superstiti tal-20 ta' Diċembru 1946 u l-Artikolu 1b tal-Liġi Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959, li jirregolaw l-assigurazzjoni volontarja f'dawk il-fergħat tal-assigurazzjoni għal ċittadini Żvizzeri residenti fi Stati mhux soġġetti għal dan il-Ftehim, għandhom ikunu applikabbli għal persuni residenti barra mill-Iżvizzera li huma ċittadini tal-Istati l-oħrajn li għalihom japplika dan il-Ftehim, u għal refuġjati u persuni apolidi residenti fit-territorju ta' dawk l-Istati, fejn dawk il-persuni jissieħbu mal-iskema ta' assigurazzjoni volontarja mhux aktar tard minn sena mid-data li huma waqfu jkunu koperti minn assigurazzjoni tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità wara perjodu kontinwu ta assigurazzjoni ta' mill-anqas 5 snin.

2. Meta persuna ma tibqax assigurata taħt assigurazzjoni Żvizzera tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invalidità wara perjodu kontinwu ta' assigurazzjoni ta' mill-anqas 5 snin, hija għandha tibqa' intitolata li tkun assigurata bil-qbil tal-impjegatur jekk hija taħdem fi Stat li għalih dan il-Ftehim ma japplikax għal impjegatur fl-Iżvizzera u jekk hija tissottometti applikazzjoni għal dan il-għan fi żmien 6 xhur mid-data li fiha hija ma tibqax assigurata.

3. Assigurazzjoni obbligatorja skont assigurazzjoni Żvizzera tal-mard u eżenzjonijiet possibbli

(a) Id-dispożizzjonijiet legali Żvizzeri li jirregolaw l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard għandhom japplikaw għall-persuni li ġejjin li ma humiex residenti fl-Iżvizzera:

(i) persuni soġġetti għad-dispożizzjonijiet legali Żvizzeri skont it-Titolu II tar-Regolament;

(ii) persuni li għalihom l-Iżvizzera għandha tħallas l-ispejjeż tal-benefiċċji skont l-Artikoli 24, 25, 26 tar-Regolament;

(iii) persuni li jirċievu benefiċċji tal-assigurazzjoni Żvizzera tal-qgħad;

(iv) membri tal-familja ta' persuni msemmija fil-punti (i) u (iii) jew ta' persuna impjegata jew li taħdem għal rasha residenti fl-Iżvizzera li hija assigurata skont l-iskema Żvizzera ta' assigurazzjoni tal-mard, sakemm dawk il-membri tal-familja ma jkunux residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin: id-Danimarka, Spanja, l-Ungerija, il-Portugall jew l-Iżvezja;

(v) membri tal-familja ta' persuni msemmija fil-punt (ii) jew ta' pensjonant residenti fl-Iżvizzera li huwa assigurat skont l-iskema Żvizzera tal-assigurazzjoni tal-mard, sakemm dawk il-membri tal-familja ma jkunux residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin: id-Danimarka, il-Portugall jew l-Iżvezja.

Bħala membri tal-familja huma meqjusin dawk il-persuni li huma definiti bħala membri tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza.

(b) Il-persuni msemmija fil-punt (a) jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati minn assigurazzjoni obbligatorja jekk, u sakemm, ikunu residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin u jistgħu jagħtu prova li huma eliġibbli għal kopertura f'każ ta' mard: il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Awstrija, u, fir-rigward tal-persuni msemmija fil-punt (a)(iv) u (v), il-Finlandja, u, fir-rigward tal-persuni msemmija fil-punt (a)(ii), il-Portugall.

It-talba msemmija fil-punt (b) għandha:

(a) tiġi ppreżentata fi żmien 3 xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu li tittieħed assigurazzjoni fl-Iżvizzera; meta, f'każijiet ġustifikati, it-talba tiġi ppreżentata wara din l-iskadenza, l-eżenzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-bidu tal-obbligu ta' assigurazzjoni;

(b) tapplika għall-membri tal-familja kollha li jirrisjedu fl-istess Stat.

4. Meta persuna soġġetta għad-dispożizzjonijiet legali Żvizzeri skont it-Titolu II tar-Regolament tkun, fl-applikazzjoni tal-punt 3(b), soġġetta għall-finijiet ta' assigurazzjoni tal-mard, għad-dispożizzjonijiet legali ta' Stat ieħor kopert b'dan il-Ftehim, l-ispejjeż ta' dawk il-benefiċċji *in natura* għal inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu kondiviżi b'mod ugwali bejn l-assiguratur Żvizzeru kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol u l-mard industrijali u l-istituzzjoni kompetenti tal-assigurazzjoni tal-mard jekk ikun jeżisti intitolament għall-benefiċċji *in natura* miż-żewġ korpi. L-assiguratur Żvizzeru kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol u l-mard industrijali għandu jissodisfa l-ispejjeż kollha fil-każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol, inċidenti lejn il-post tax-xogħol jew mard industrijali, anke meta jkun hemm il-jedd għall-benefiċċji minn korp tal-assigurazzjoni tal-mard fil-pajjiż ta' residenza.

5. Persuni li jkunu qegħdin jaħdmu, iżda li ma għandhomx ir-residenza tagħhom fl-Iżvizzera u li għandhom kopertura tal-assigurazzjoni statutorja fl-Istat ta' residenza tagħhom skont il-punt 3(b), kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom, għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament matul żjara fl-Iżvizzera.

6. Bil-għan li jiġu applikati l-Artikoli 18, 19, 20 u 27 tar-Regolament fl-Iżvizzera, l-assiguratur kompetenti għandu jħallas l-ispejjeż kollha ffatturati.

7. Perjodi ta' assigurazzjoni ta' allowance għal kuljum imwettqa skont l-iskema ta' assigurazzjoni ta' Stat ieħor li għalih japplika dan il-Ftehim għandhom jiġu kkunsidrati għat-tnaqqis jew għat-tneħħija ta' riżerva possibbli fl-assigurazzjoni ta' allowance għal kuljum fil-każ ta' tqala jew mard fejn il-persuna tiġi assigurata ma' assiguratur Żvizzeru fi żmien 3 xhur minn meta ma tibqax koperta mill-assigurazzjoni f'pajjiż ieħor.

8. Meta persuna li kienet impjegata bi qligħ jew taħdem għal rasha fl-Iżvizzera u li tkopri l-ħtiġijiet vitali tagħha kellha twaqqaf l-attività tagħha minħabba aċċident jew mard u ma għadhiex soġġetta għal-leġiżlazzjoni Żvizzera dwar l-assigurazzjoni tal-invalidità, dik il-persuna għandha titqies bħala koperta minn dik l-assigurazzjoni għall-finijiet ta' eliġibbiltà għal miżuri ta' riabilitazzjoni sal-ħlas ta' pensjoni tal-invalidità u matul il-perjodu li matulu l-persuna tibbenefika minn dawk il-miżuri, sakemm ma tkunx bdiet attività ġdida barra mill-Iżvizzera.".

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu jinqara bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 77(2) u 78, ir-referenza għad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar u l-moviment liberu ta' data personali għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

2. 32019 R 0500: Ir-Regolament (UE) 2019/500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 35).

3. 32009 R 0987: Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1), kif emendat minn:

– 32010 R 1244: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta’ Diċembru 2010 (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35),

– 32012 R 0465: Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4),

– 32012 R 1224: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2012 tat-18 ta’ Diċembru 2012 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 45),

– 32013 R 1372: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2013 tad-19 ta’ Diċembru 2013 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 27),

– 32014 R 1368: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1368/2014 tas-17 ta’ Diċembru 2014 (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 15), kif ikkoreġut mill-ĠU L 288, 22.10.2016, p. 58,

– 32017 R 0492: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta’ Marzu 2017 (ĠU L 76, 22.3.2017, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandu jiġi adattat kif ġej:

It-test li ġej jiżdied mal-Anness 1:

"Il-Ftehim bejn l-Iżvizzera u l-Portugall tal-25 ta' Mejju 2016 dwar it-tpaċija ta' pretensjonijiet

Il-Ftehim bejn l-Iżvizzera u l-Greċja tal-15 ta' Novembru 2017 dwar it-tpaċija ta' pretensjonijiet li jikkonċernaw benefiċċji *in natura* skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 u r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009

Il-Ftehim bejn l-Iżvizzera u l-Italja tas-27 ta' Frar 2023 dwar it-tpaċija ta' pretensjonijiet.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandu jinqara bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 3(3), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar u l-moviment liberu ta' data personali għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

4. 31971 R 1408: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta’ Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 1), kif applikabbli bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/2012 tal-31 ta’ Marzu 2012 dwar il-Kumitat Konġunt[1], u meta jkun hemm referenza għalih fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jew (KE) Nru 987/2009 jew fejn jikkonċerna każijiet li seħħu fil-passat.

5. 31972 R 0574: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 120/2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 2), kif applikabbli bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/2012 tal-31 ta’ Marzu 2012[2] dwar il-Kumitat Konġunt, u meta jkun hemm referenza għalih fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jew (KE) Nru 987/2009 jew fejn jikkonċerna każijiet li seħħu fil-passat.

---

1 Id-Deċiżjoni Nru 1/2012 tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni tal-31 ta’ Marzu 2012 li tissostitwixxi l-Anness II ta’ dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU L 103, 13.4.2012, p. 51).

2 Id-Deċiżjoni Nru 1/2012 tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni tal-31 ta’ Marzu 2012 li tissostitwixxi l-Anness II ta’ dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU L 103, 13.4.2012, p. 51).

A.2 ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM IQISU BIR-REQQA

1. 32010 D 0424(01): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' djalogu u konċiljazzjoni dwar il-validità ta' dokumenti, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli u l-provvista ta' benefiċċji skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 1).

2. 32010 D 0424(02): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jaħdmu temporanjament barra mill-Istat kompetent (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 5).

3. 32010 D 0608(01): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A3 tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' stazzjonar mhux interroti mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 149, 8.6.2010, p. 3).

4. 32014 D 0520(03): Id-Deċiżjoni Nru E4 tat-13 ta' Marzu 2014 dwar il-perjodu tranżitorju kif definit fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 152, 20.5.2014, p. 21).

5. 32017 D 0719(01): Id-Deċiżjoni Nru E5 tas-16 ta' Marzu 2017 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-perjodu tranżitorju għall-iskambju tad-data permezz ta' mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 233, 19.7.2017, p. 3).

6. 32018 D 1004 (02): Id-Deċiżjoni Nru E6 tat-19 ta' Ottubru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' meta messaġġ elettroniku jitqies legalment li twassal fis-sistema tal-Iskambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali (EESSI) (ĠU C 355, 4.10.2018, p. 5).

7. 32020 D 0306 (01): Id-Deċiżjoni Nru E7 tas-27 ta' Ġunju 2019 li tikkonċerna l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-iskambju tad-data sakemm l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) jiġi implimentat bis-sħiħ fl-Istati Membri (ĠU C 73, 6.3.2020, p. 5).

8. 32024 D 06842: Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Deċiżjoni Nru E8 tal-14 ta' Marzu 2024 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' ġestjoni tat-tibdil li tapplika għad-dettalji tal-korpi definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huma elenkati fid-direttorju elettroniku li huwa parti inerenti tal-EESSI (ĠU C, C/2024/6842, 12.11.2024)

9. 32010 D 0424(04): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru F1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli ta' prijorità f'każ ta' overlapping tal-benefiċċji tal-familja (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 11).

10. 32016 D 0211(05): Id-Deċiżjoni Nru F2 tat-23 ta' Ġunju 2015 dwar l-iskambju tad-data bejn l-istituzzjonijiet biex jingħataw il-benefiċċji tal-familji (ĠU C 52, 11.2.2016, p. 11).

11. 32019 D 0626(01): Id-Deċiżjoni Nru F3 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 b'rabta mal-metodu tal-kalkolu tas-suppliment li jagħmel tajjeb għad-differenza ((ĠU C 215, 26.6.2019, p. 2).

12. 32010 D 0424(05): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas għat-tranżizzjoni mir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-applikazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinament ta' sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 13).

13. 32010 D 0608(02): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H 5 tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qafas tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU C 149, 8.6.2010, p. 5).

14. 32011 D 0212(01): Id-Deċiżjoni Nru H6 tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti prinċipji dwar l-aggregazzjoni tal-perjodi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU C 45, 12.2.2011, p. 5).

15. 32021 D 0506 (01): Id-Deċiżjoni Nru H11 tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar il-posponiment tal-iskadenzi msemmija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 kif ukoll fid-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19 (ĠU C 170, 6.5.2021, p. 4).

16. 32022 D 0228 (01): Id-Deċiżjoni Nru H12 tad-19 ta' Ottubru 2021 li tikkonċerna d-data li għandha tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemmija fl-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 93, 28.2.2022, p. 6).

17. 32022 D 0810(01): Id-Deċiżjoni Nru H13 tat-30 ta' Marzu 2022 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għal-Ftehim KE/Żvizzera) 2022/C 305/03 (ĠU C 305, 10.8.2022, p. 4).

18. 32024 D 00594: Id-Deċiżjoni Nru H14 tal-21 ta' Ġunju 2023 dwar il-pubblikazzjoni tan-Nota ta' gwida dwar il-pandemija tal-COVID-19, in-nota dwar l-interpretazzjoni tal-applikazzjoni tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 matul il-pandemija tal-COVID-19, in-Nota ta' gwida dwar it-telework applikabbli għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2022 u t-30 ta' Ġunju 2023 u n-Nota ta' gwida dwar it-telework applikabbli mill-1 ta' Lulju 2023 (ĠU C/2024/594, 11.01.2024).

19. 32024 D 06845: Id-Deċiżjoni Nru H15 tas-27 ta' Ġunju 2024 dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Data tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali (ĠU C, C/2024/6845, 14.11.2024).

20. 32010 D 0424(07): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru P1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 50(4), 58 u 87(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti tal-benefiċċji tal-Invalidità, tal-Età u tas-Superstiti (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 21).

21. 32013 D 0927(01): Id-Deċiżjoni Nru R1 tal-20 ta' Ġunju 2013 li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 279, 27.9.2013, p. 11).

22. 32010 D 0424(08): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Ewropea (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 23).

23. 32010 D 0424(09): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S2 tat-12 ta' Ġunju 2009 li tikkonċerna l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Ewropea (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 26).

24. 32010 D 0424(10): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S3 tat-12 ta' Ġunju 2009 li tiddefinixxi l-benefiċċji koperti mill-Artikoli 19(1) u 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 25(A)(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 40).

25. 32010 D 0424(15): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S5 tat-2 ta' Ottubru 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "benefiċċji *in natura*" kif definit fl-Artikolu 1(va) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' mard jew ta' maternità skont l-Artikoli 17, 19, 20, 22, 24 (1), 25, 26, 27 (1, 3, 4 u 5), 28, 34 u 36 (1 u 2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u dwar il-kalkolu tal-ammonti li għandhom jitħallsu lura skont l-Artikoli 62, 63 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24/04/2010, p. 54).

26. 32010 D 0427(02): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S6 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 u l-kompilazzjoni tal-inventarji li huma stipulati fl-Artikolu 64(4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 107, 27/04/2010, p. 6).

27. 32011 D 0906(01): Id-Deċiżjoni Nru S8 tal-15 ta' Ġunju 2011 dwar l-għoti ta' proteżi, apparat maġġuri u benefiċċji sostanzjali oħra *in natura* previsti fl-Artiklu 33 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU C 262, 6.9.2011, p. 6).

28. 32014 D 0520(02): Id-Deċiżjoni Nru S10 tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar it-tranżizzjoni mir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 u l-applikazzjoni tal-proċeduri tar-rimborż (ĠU C 152, 20.5.2014, p. 16).

29. 32021 D 0618(01): Id-Deċiżjoni Nru S11 tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar proċeduri ta' ħlas lura għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU C 236, 18.6.2021, p. 4).

30. 32025 D 01598: Id-deċiżjoni Nru S12 tas-16 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rimborż tal-kura tas-saħħa b'rabta mat-trasferiment tal-pazjenti lejn Stat Membru ieħor fil-każ ta' ammonti kbar ta' vittmi wara diżastri (ĠU C, C/2025/1598, 13.3.2025).

31. 32010 D 0424(11): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi Soċjali ta' Sigurtà Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 rigward l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żidiet fil-benefiċċji tal-qgħad għal membri dipendenti tal-familja (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 26).

32. 32010 D 0424(12): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-ambitu tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad ta' persuni qiegħda għal kollox, minbarra l-ħaddiema transfruntiera li kienu residenti fit-territorju ta' Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti matul l-aħħar perjodu tal-impjieg tagħhom jew tax-xogħol għal rashom (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 43).

33. 32010 D 0424(13): Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U3 tat-12 ta' Ġunju 2009 rigward l-ambitu tal-kunċett ta' "qgħad parzjali" li japplika għall-persuni qiegħda msemmija fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 45).

34. 32012 D 0225(01): Id-Deċiżjoni Nru U4 tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-proċeduri tar-rimborż skont l-Artikolu 65(6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 57, 25.2.2012, p. 4).

A.3 ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM

1. 32018 H 0529(01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru A1 tat-18 ta' Ottubru 2017 dwar il-ħruġ tal-attestazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 183, 29.5.2018, p. 5).

2. 32013 H 0927(01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru H1 tad-19 ta' Ġunju 2013 li tikkonċerna s-sentenza Gottardo, li skontha l-vantaġġi li jgawdu ċ-ċittadini proprji ta' Stat skont konvenzjoni bilaterali dwar is-sigurtà soċjali ma' pajjiż mhux membru jridu jingħataw ukoll lill-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra (ĠU C 279, 27.09.2013, p. 13).

3. 32019 H 0429(01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru H2 tal-10 ta' Ottubru 2018 rigward l-inklużjoni ta' karatteristiċi ta' awtentikazzjoni fid-Dokumenti Portabbli maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li juru l-pożizzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 147, 29.4.2019, p. 6).

4. 32012H0810(01) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S1 tal-15 ta' Marzu 2012 dwar l-aspetti finanzjarji ta' donazzjonijiet transkonfinali ta' organi ħajjin (ĠU C 240, 10.8.2012, p. 3).

5. 32014 H 0218(01): Ir-Rakkomandazzjoni S2 tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar l-intitolament għal benefiċċji *in natura* għal persuni assigurati u membri tal-familja tagħhom matul żjara f'pajjiż terz taħt konvenzjoni bilaterali bejn l-Istat Membru kompetenti u l-pajjiż terz (ĠU C 46, 18.02.2014, p. 8).

6. 32010 H 0424(02): Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuni qiegħda li involuti f'attività professjonali jew kummerċjali part-time fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat ta' residenza (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 49).

7. 32010 H 0424(03): Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal persuni qiegħda li jakkumpanjaw lill-konjugi jew lill-imsieħba tagħhom li qed jieħdu sehem f'attività professjonali jew kummerċjali fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat kompetenti (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 51).

B. SALVAGWARDJA TAD-DRITTIJIET TAL-PENSJONI SUPPLIMENTARI

ATTI MSEMMIJA

1. 31998 L 0049: Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

2. 32014 L 0050: Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Artikolu 6(5): ir-referenza għall-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/41/KE ma għandhiex tapplika għall-Iżvizzera.

L-Iżvizzera għandha tieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/50/UE sal-ewwel jum tad-49 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

________________

PROTOKOLL I

għall-Anness II tal-Ftehim

I. Assigurazzjoni tal-qgħad

L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw għall-ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja sat-30 ta' April 2011 u għall-ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija sal-31 ta' Mejju 2016. Għandu japplika għall-ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja sa tmiem is-7 sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja.

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' assigurazzjoni tal-qgħad għall-ħaddiema li għandhom permess ta' residenza b'perjodu ta' validità ta' inqas minn sena.

1.1. Huma biss il-ħaddiema li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet fl-Iżvizzera għall-perjodu minimu meħtieġ skont l-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Qgħad u l-Benefiċċji tal-Insolvenza (*loi fédérale sur l'assurance-chômage obligatoire et l'indemnité en cas d'insolvabilité* – LACI)[1] u li jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet l-oħrajn ta' eliġibbiltà għall-benefiċċju tal-qgħad li għandhom ikunu intitolati għal tali benefiċċju pprovdut mill-assigurazzjoni tal-qgħad skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi.

1 Bħalissa 12-il xahar.

1.2. Parti mill-kontribuzzjonijiet intaxxati għall-ħaddiema li l-perjodu ta' kontribuzzjoni tagħhom ikun qasir wisq sabiex jingħata jedd għall-benefiċċju għal meta persuna ma tkunx impjegata fl-Iżvizzera skont 1.1 għandha tingħata lura lill-Istati ta' oriġini tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' 1.3. sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ispiża tal-benefiċċji pprovduti lil dawn il-ħaddiema fil-każ ta' sitwazzjoni ta' qgħad totali; imbagħad dawn il-ħaddiema ma għandu jkollhom ebda jedd għall-benefiċċju fil-każ li huma jisfaw qiegħda għalkollox fl-Iżvizzera. Madankollu, huma għandhom ikunu intitolati għall-allowances għal temp ħażin u fil-każ li min iħaddem isir insolventi. Il-benefiċċji fil-każ ta' qgħad totali għandhom jitħallsu mill-Istat ta' oriġini, dment li l-ħaddiema kkonċernati jagħmlu lilhom infushom disponibbli għax-xogħol. Perjodi ta' assigurazzjoni mwettqa fl-Iżvizzera għandhom jitqiesu bl-istess mod bħallikieku jkunu twettqu fl-Istat ta' oriġini.

1.3. Il-porzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet intaxxati għall-ħaddiema li hemm referenza għalihom f'1.2 għandhom jingħataw lura fuq bażi annwali skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-kontribuzzjonijiet totali ta' dawn il-ħaddiema għandhom jiġu kkalkolati, skont il-pajjiż, abbażi tan-numru annwali ta' ħaddiema impjegati u l-kontribuzzjonijiet annwali medji mħallsa għal kull ħaddiem (kontribuzzjonijiet tal-impjegatur u tal-impjegat).

(b) Mill-ammont ikkalkolat b'dan il-mod, porzjon minnu li jikkorrispondi għas-sehem relattiv irrappreżentat mill-benefiċċju tal-qgħad bħala perċentwal tal-benefiċċji kollha msemmija f'1.2 għandu jiġi rimborżat lill-Istati ta' oriġini tal-ħaddiema, u porzjon għandu jinżamm mill-Iżvizzera bħala riżerva għall-benefiċċji sussegwenti[1].

[1] Il-kontribuzzjonijiet rifużi għall-ħaddiema li se jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-benefiċċju tal-qgħad fl-Iżvizzera wara li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet għal mill-anqas 12-il xahar – fuq diversi perjodi ta' residenza – fi żmien sentejn.

(c) L-Iżvizzera għandha, fuq bażi annwali, tipprovdi dikjarazzjoni li turi l-kontribuzzjonijiet mogħtija lura. Jekk l-Istati ta' oriġini jitolbu dan, hija għandha tindika l-bażi għall-kalkolu u s-somom mogħtija lura. L-Istati ta' oriġini għandhom jinnotifikaw lill-Iżvizzera kull sena bin-numru ta' riċevituri tal-benefiċċju għal meta persuna ma tkunx impjegata kif hemm referenza għal dan f'1.2.

2. Jekk Stat Membru kkonċernat minn dan l-arranġament jiltaqa' ma' diffikultajiet bit-tmiem tal-arranġament għall-għoti lura tal-kontribuzzjonijiet, jew l-Iżvizzera tiltaqa' ma' diffikultajiet bl-arranġamenti ta' aggregazzjoni, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-Kumitat Konġunt minn kull Parti Kontraenti.

II. Allowances għal persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom

L-allowances għall-persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom mogħtija skont il-Liġi Federali Żvizzera dwar l-assigurazzjoni tal-invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959 u skont il-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-anzjanità u tas-superstiti tal-20 ta' Diċembru 1946 kif emendata fit-8 ta' Ottubru 1999 għandhom jiġu pprovduti esklużivament jekk il-persuna kkonċernata tirrisjedi fl-Iżvizzera.

III. Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għall-benefiċċji vestiti estiżi

L-Iżvizzera għandha tapplika r-Regolament (KE) Nru 883/2004 għall-iskema estiża taħt il-Liġi Federali dwar il-moviment liberu fost il-pjanijiet ta' benefiċċji marbuta max-xogħol li jikkonċernaw il-pensjonijiet tal-età, tas-superstiti u tal-invalidità tas-17 ta' Diċembru 1993 sal-ewwel jum tad-49 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju.

PROTOKOLL II

għall-Anness II tal-Ftehim

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Artikolu 33 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") jiddikjara li t-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandu japplika għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera sakemm dawk il-pajjiżi jkunu kkonkludew u japplikaw ftehimiet korrispondenti mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll mal-Unjoni li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit,

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Artikolu 26b tal-Ftehim bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar id-drittijiet taċ-ċittadini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Parti III ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni, sakemm l-Unjoni tkun ikkonkludiet u tapplika ftehimiet korrispondenti mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li japplikaw għaċ-ċittadini Żvizzeri, kif ukoll mal-Iżvizzera li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-fatt li huwa neċessarju li tingħata protezzjoni reċiproka lid-drittijiet tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll lill-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom, li, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ikunu jew kienu f'sitwazzjoni transfruntiera li tinvolvi Parti Kontraenti waħda jew aktar għall-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fl-istess ħin,

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet u referenzi

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Ftehim dwar il-Ħruġ" tfisser il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1];

(b) "Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini" tfisser il-Ftehim bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar id-drittijiet taċ-ċittadini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni;

(c) "Stati koperti" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera;

(d) "perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ;

(e) id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

---

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1 kif ikkoreġut fil-ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1).

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

2. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, ir-referenzi kollha għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni magħmula applikabbli b'dan il-Protokoll għandhom jinftiehmu li jinkludu lir-Renju Unit u lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

ARTIKOLU 2

Persuni koperti

1. Dan il-Protokoll għandu japplika għall-persuni li ġejjin:

(a) iċ-ċittadini tar-Renju Unit li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' wieħed mill-Istati koperti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom;

(b) iċ-ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu f'wieħed mill-Istati koperti, u li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom;

(c) persuni li ma jaqgħux taħt il-punt (a) jew (b) iżda li huma ċittadini tar-Renju Unit li jwettqu attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha f'wieħed jew aktar mill-Istati koperti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u li, abbażi tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom;

(d) persuni apolidi u refuġjati, residenti f'wieħed mill-Istati koperti jew fir-Renju Unit, li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-punti (a) sa (c), kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu koperti sakemm jibqgħu, mingħajr interruzzjoni, f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu li jinvolvu kemm lil wieħed mill-Istati koperti kif ukoll lir-Renju Unit fl-istess ħin.

3. Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għaċ-ċittadini tar-Renju Unit li ma jaqgħux, jew li ma għadhomx jaqgħu, f'waħda mis-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu iżda li jaqgħu taħt l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, kif ukoll għall-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu koperti sakemm ikompli jkollhom id-dritt ta' residenza f'wieħed mill-Istati koperti skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew l-Artikolu 12 tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, jew dritt li jaħdmu fl-Istat tax-xogħol tagħhom skont l-Artikolu 24 jew 25 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew l-Artikolu 20 tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini.

5. Fejn dan l-Artikolu jirreferi għal membri tal-familja u superstiti, dawk il-persuni għandhom ikunu koperti minn dan il-Protokoll biss sa fejn jingħataw drittijiet u obbligi f'dik il-kapaċità skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004.

## ARTIKOLU 3

### Regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

1. Ir-regoli u l-objettivi ppreżentati fl-Artikolu 8 tal-Ftehim u f'dan l-Anness, fir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 għandhom japplikaw għall-persuni koperti minn dan il-Protokoll.

2. L-Istati koperti għandhom iqisu kif xieraq id-Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali marbuta mal-Kummissjoni Ewropea stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 (il-"Kummissjoni Amministrattiva") elenkati fit-Taqsima A ta' dan l-Anness.

ARTIKOLU 4

Sitwazzjonijiet speċjali koperti

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet li ġejjin sa fejn stabbilit f'dan l-Artikolu, sakemm ikunu relatati ma' persuni li ma humiex, jew ma għadhomx, koperti mill-Artikolu 2:

(a) iċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll il-persuni apolidi u r-refuġjati residenti fir-Renju Unit li kienu soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' wieħed mill-Istati koperti qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom, għandhom ikunu koperti minn dan il-Protokoll għall-finijiet ta' dipendenza fuq, u aggregazzjoni ta', perjodi ta' assigurazzjoni, impjieg, impjieg indipendenti jew residenza, inklużi drittijiet u obbligi li jirriżultaw minn tali perjodi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 883/2004; għall-finijiet tal-aggregazzjoni tal-perjodi, il-perjodi kompletati kemm qabel kif ukoll wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 883/2004;

(b) ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 20 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandhom ikomplu japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll għall-persuni apolidi u għar-refuġjati residenti fir-Renju Unit li, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kienu talbu awtorizzazzjoni biex jirċievu kors ta' trattament ippjanat tal-kura tas-saħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, sa tmiem it-trattament. Il-proċeduri ta' rimborż korrispondenti għandhom japplikaw ukoll anke wara li jintemm it-trattament. Tali persuni u l-persuni li jakkumpanjawhom għandhom igawdu d-dritt li jidħlu u joħorġu mill-Istat tat-trattament f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ *mutatis mutandis* u mal-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini *mutatis mutandis*;

(c) ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 19 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandhom ikomplu japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll għall-persuni apolidi u għar-refuġjati residenti fir-Renju Unit li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u li jkunu fuq soġġorn fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni f'wieħed mill-Istati koperti jew fir-Renju Unit, sa tmiem is-soġġorn tagħhom. Il-proċeduri ta' rimborż korrispondenti għandhom japplikaw ukoll anke wara li jintemm is-soġġorn jew it-trattament;

(d) ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 67, 68 u 69 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandhom ikomplu japplikaw, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, għall-għoti ta' benefiċċji tal-familja li għalihom hemm intitolament fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll għal persuni apolidi u refuġjati residenti fir-Renju Unit li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit u li għandhom membri tal-familja residenti f'wieħed mill-Istati koperti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni;

(e) fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu, għal kwalunkwe persuna li jkollha drittijiet bħala membri tal-familja fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, bħal drittijiet derivati għal benefiċċji tal-mard *in natura*, dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandhom ikomplu japplikaw sakemm il-kundizzjonijiet previsti fih jiġu ssodisfati.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 fir-rigward ta' benefiċċji tal-mard għandhom japplikaw għal persuni li jirċievu benefiċċji skont il-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

Dan il-paragrafu għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-benefiċċji tal-familja bbażati fuq l-Artikoli 67, 68 u 69 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

ARTIKOLU 5

Rimborż, irkupru u tpaċija

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 dwar ir-rimborż, l-irkupru u t-tpaċija għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward ta' avvenimenti, sa fejn ikunu relatati ma' persuni mhux koperti mill-Artikolu 2, li:

(a) seħħew qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; jew

(b) iseħħu wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni u jkunu relatati ma' persuni li kienu koperti mill-Artikolu 2 jew 4 meta seħħ l-avveniment.

ARTIKOLU 6

Żvilupp tal-liġi u adattamenti

1. Minkejja l-paragrafu 3, ir-referenzi f'dan il-Protokoll għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 jew għad-dispożizzjonijiet tagħhom, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-atti jew għad-dispożizzjonijiet kif integrati fil-Ftehim, kif applikabbli fl-aħħar jum tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

2. Meta r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 jiġu emendati jew sostitwiti wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-referenzi għal dawk ir-Regolamenti f'dan il-Protokoll għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal dawk ir-Regolamenti kif emendati jew sostitwiti, f'konformità mal-atti elenkati fil-Parti II tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, fir-rigward tal-Unjoni, u l-Parti II tal-Anness I tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, fir-rigward tal-Iżvizzera.

3. Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, jinftiehmu li jinkludu l-adattamenti elenkati fil-Parti III tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, fir-rigward tal-Unjoni, u l-Parti III tal-Anness I tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, fir-rigward tal-Iżvizzera.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, l-emendi u l-adattamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum wara l-jum li fih jidħlu fis-seħħ l-emendi u l-adattamenti korrispondenti tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew tal-Anness I tal-Ftehim dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, skont liema minnhom ikun l-aktar tard.".

**ANNESS III**

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

Emendi għall-Anness III tal-Ftehim

L-Anness III tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ANNESS III**

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

(Diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali)

TAQSIMA 1

INTRODUZZJONI

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 2 sa 9 tal-Ftehim, l-atti legali tal-Unjoni elenkati fit-Taqsima 2 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw soġġett għall-prinċipju ta' allinjament dinamiku msemmi fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Istituzzjonali ta' dan il-Ftehim, kif ukoll soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 7 ta' dak l-Artikolu.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-drittijiet u l-obbligi previsti fl-atti legali tal-Unjoni integrati f'dan l-Anness għall-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jinftiehmu li huma previsti għall-Iżvizzera. Dan għandu jiġi applikat b'rispett sħiħ tal-Protokoll Istituzzjonali għal dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tal-Protokoll Istituzzjonali ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-adattamenti tekniċi, id-dispożizzjonijiet fl-atti elenkati fit-Taqsima 2 li jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni lil Stati Membri oħra jew lill-Kummissjoni għandhom japplikaw għall-Iżvizzera. Meta din l-informazzjoni tkun relatata mas-sorveljanza jew mal-applikazzjoni, l-Iżvizzera għandha tikkomunika din l-informazzjoni permezz tal-Kumitat Konġunt.

TAQSIMA 2

ATTI MSEMMIJA

1. 32005 L 0036: Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22),

   kif emendata minn:

   – Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà ta' moviment tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2011 tat-3 ta’ Marzu 2011 li jemenda l-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali (ĠU L 59, 4.3.2011, p. 4),

– Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Notifika dwar l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fl-Artikoli 3(2) elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU C 111, 15.5.2009, p. 1),

– Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Notifika dwar l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fl-Artikoli 3(2) elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU C 182, 23.6.2011, p. 1),

– L-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10),

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta’ Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta’ stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368),

– Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 134, 24.5.2016, p. 135),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2113 tal-11 ta' Settembru 2017 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 317, 1.12.2017, p. 119),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/608 tas-16 ta' Jannar 2019 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova tal-kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 104, 15.4.2019, p. 1),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova tal-kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 131, 24.4.2020, p. 1),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2383 tat-23 ta' Mejju 2023 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L 2383, 9.10.2023, p. 1),

– Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/782 tal-4 ta’ Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti minimi ta’ taħriġ għall-professjonijiet tal-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tad-dentisti u tal-ispiżjara (ĠU L, 2024/782, 31.5.2024),

– Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/1395 tal-31 ta’ Mejju 2024 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta’ kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L, 2024/1395, 31.5.2024)

ikkoreġuta minn:

– Rettifika għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali (ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28),

– Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta’ Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà ta’ moviment tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 177, 8.7.2015, p. 60).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.1.1 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Eidgenössisches Arztdiplom<br>Diplôme fédéral de médecin<br>Diploma federale di medico | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | 1 ta' Ġunju 2002" |

(b) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.1.2 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Diplom als Facharzt<br>Diplôme de médecin spécialiste<br>Diploma di medico specialista | Eidgenössisches Departement des Innern und Verbindung der Schweizer Ärztinnen und Ärzte (FMH) / Schweizerische Institut für ärztliche Weiter- und Fortbildung (SIWF)<br>Département fédéral de l'intérieur et Fédération des médecins suisses (FMH) / Institut suisse pour la formation médicale postgraduée et continue (ISFM)<br>Dipartimento federale dell'interno e Federazione dei medici svizzeri (FMH) / Istituto svizzero per la formazione medica (ISFM) | 1 ta' Ġunju 2002" |

(c) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.1.3 tad-Direttiva:

| “Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Anestetika<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Anästhesiologie<br>Anesthésiologie<br>Anestesiologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija ġenerali<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Chirurgie<br>Chirurgie<br>Chirurgia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija newroloġika<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Neurochirurgie<br>Neurochirurgie<br>Neurochirurgia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Ostetriċja u ġinekoloġija<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Gynäkologie und Geburtshilfe<br>Gynécologie et obstétrique<br>Ginecologia e ostetricia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mediċina ġenerali (interna)<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Allgemeine Innere Medizin<br>Médecine interne générale<br>Medicina interna generale |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Oftalmoloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Ophthalmologie<br>Ophtalmologie<br>Oftalmologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Otorinolaringoloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Oto-Rhino-Laryngologie<br>Oto-rhino-laryngologie<br>Otorinolaringoiatria |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Pedjatrija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Kinder- und Jugendmedizin<br>Pédiatrie<br>Pediatria |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mediċina respiratorja<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Pneumologie<br>Pneumologie<br>Pneumologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Uroloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Urologie<br>Urologie<br>Urologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Ortopedija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Orthopädische Chirurgie und Traumatologie des Bewegungsapparates<br>Chirurgie orthopédique et traumatologie de l'appareil locomoteur<br>Chirurgia ortopedica e traumatologia dell'apparato locomotore |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Anatomija patoloġika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Pathologie<br>Pathologie<br>Patologia |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Newroloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Neurologie<br>Neurologie<br>Neurologia |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Psikjatrija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Psychiatrie und Psychotherapie<br>Psychiatrie et psychothérapie<br>Psichiatria e psicoterapia |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Radjoloġija dijanjostika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Radiologie<br>Radiologie<br>Radiologia |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Radjoterapija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Radio-Onkologie/Strahlentherapie<br>Radio-oncologie/radiothérapie<br>Radio-oncologia/radioterapia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija plastika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Plastische, Rekonstruktive und Ästhetische Chirurgie<br>Chirurgie plastique, reconstructive et esthétique<br>Chirurgia plastica, ricostruttiva ed estetica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija toraċika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Thoraxchirurgie[1]<br>Chirurgie thoracique<br>Chirurgia toracica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija kardijaka<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Herz- und thorakale Gefässchirurgie;<br>Chirurgie cardiaque et vasculaire thoracique<br>Chirurgia del cuore e dei vasi toracici |

[1] Il-programm ta' taħriġ tal-1 ta' Jannar 2015 ġie akkreditat fil-31 ta' Awwissu 2018. Id-detenturi ta' speċjalizzazzjoni korrispondenti maħruġa qabel id-data tal-akkreditazzjoni jirċievu prova ġdida ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat mingħajr ebda rekwiżit ulterjuri b'data kurrenti tal-ħruġ.

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija vaskulari<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Gefässchirurgie[1]<br>Chirurgie vasculaire<br>Chirurgia vascolare |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kirurġija pedjatrika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Kinderchirurgie<br>Chirurgie pédiatrique<br>Chirurgia pediatrica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Kardjoloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Kardiologie<br>Cardiologie<br>Cardiologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Gastroenteroloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Gastroenterologie<br>Gastroentérologie<br>Gastroenterologia |

[1] Il-programm ta' taħriġ tal-1 ta' Jannar 2015 ġie akkreditat fil-31 ta' Awwissu 2018. Id-detenturi ta' speċjalizzazzjoni korrispondenti maħruġa qabel id-data tal-akkreditazzjoni jirċievu prova ġdida ta' kwalifiki formali bħala tabib speċjalizzat mingħajr ebda rekwiżit ulterjuri b'data kurrenti tal-ħruġ.

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Rewmatoloġija<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Rheumatologie<br>Rhumatologie<br>Reumatologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Ematoloġija ġenerali<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Hämatologie<br>Hématologie<br>Ematologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Endokrinoloġija<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Endokrinologie/Diabetologie<br>Endocrinologie/diabétologie<br>Endocrinologia/diabetologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Fiżjoterapija<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Physikalische Medizin und Rehabilitation<br>Médecine physique et réadaptation<br>Medicina fisica e riabilitazione |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Dermato-venerejoloġija<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Dermatologie und Venerologie<br>Dermatologie et vénéréologie<br>Dermatologia e venerologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mediċina tropikali<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Tropen- und Reisemedizin<br>Médecine tropicale et médecine des voyages<br>Medicina tropicale e medicina di viaggio |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Psikjatrija tat-tfal<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Kinder- und Jugendpsychiatrie und -psychotherapie<br>Psychiatrie et psychothérapie d’enfants et d’adolescents<br>Psichiatria e psicoterapia infantile e dell’adolescenza |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mard renali<br>Perjodu minimu ta’ taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Nephrologie<br>Néphrologie<br>Nefrologia |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mard li jittieħed<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Infektiologie<br>Infectiologie<br>Malattie infettive |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mediċina komunitarja<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Prävention und Gesundheitswesen<br>Prévention et santé publique<br>Prevenzione e salute pubblica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Farmakoloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Klinische Pharmakologie und Toxikologie<br>Pharmacologie et toxicologie cliniques<br>Farmacologia e tossicologia clinica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Mediċina okkupazzjonali<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Arbeitsmedizin<br>Médecine du travail<br>Medicina del lavoro |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Allerġoloġija<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 3 snin | |
| L-Iżvizzera | Allergologie und klinische Immunologie<br>Allergologie et immunologie clinique<br>Allergologia e immunologia clinica |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Mediċina nukleari<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Nuklearmedizin<br>Médecine nucléaire<br>Medicina nucleare |

| Pajjiż | Titlu tad-Diploma |
| --- | --- |
| Kirurġija dentali, orali, u tax-xedaq u l-wiċċ<br>(taħriġ bażiku mediku u dentali)<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Mund-, Kiefer- und Gesichtschirurgie<br>Chirurgie orale et maxillo-faciale<br>Chirurgia oro-maxillo-facciale |

| Pajjiż | Titolu |
| --- | --- |
| Onkoloġija medika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 5 snin | |
| L-Iżvizzera | Medizinische Onkologie<br>Oncologie médicale<br>Oncologia medica |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| Ġenetika medika<br>Perjodu minimu ta' taħriġ: 4 snin | |
| L-Iżvizzera | Medizinische Genetik<br>Génétique médicale<br>Genetica medica" |

(d) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.1.4 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Titolu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Diplom als praktischer Arzt/praktische Ärztin<br>Diplôme de médecin praticien<br>Diploma di medico generico | Praktischer Arzt/Praktische Ärztin<br>Médecin praticien<br>Medico generico | 1 ta' Ġunju 2002" |

(e) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.2.2 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Titolu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | 1. Diplomierte Pflegefachfrau, diplomierter Pflegefachmann<br>Infirmière diplômée et infirmier diplômé<br>Infermiera diplomata e infermiere diplomato | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Écoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Pflegefachfrau, Pflegefachmann<br>Infirmière, infirmier<br>Infermiera, infermiere | 1 ta' Ġunju 2002 |

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Titolu professjonali | Data ta' referenza |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| | 2. Baċellerat tax-Xjenza fl-infermerija | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Écoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Pflegefachfrau, Pflegefachmann<br>Infirmière, infirmier<br>Infermiera, infermiere | 30 ta' Settembru 2011 |
| | 3. Diplomierte Pflegefachfrau HF, diplomierter Pflegefachmann HF<br>Infirmière diplômée ES, infirmier diplômé ES<br>Infermiera diplomata SSS, infermiere diplomato SSS | Höhere Fachschulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Écoles supérieures qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole specializzate superiori che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Pflegefachfrau, Pflegefachmann<br>Infirmière, infirmier<br>Infermiera, infermiere | 1 ta' Ġunju 2002" |

(f) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.3.2 tad-Direttiva:

| “Pajjiż | Prova ta’ kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta’ kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova ta’ kwalifiki | Titolu professjonali | Data ta’ referenza |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Eidgenössisches Zahnarztdiplom<br>Diplôme fédéral de médecin-dentiste<br>Diploma federale di medico-dentista | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l’intérieur<br>Dipartimento federale dell’interno | | Zahnarzt<br>Médecin-dentiste<br>Medico-dentista | 1 ta’ Ġunju 2002” |

(g) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.3.3 tad-Direttiva:

| “Ortodonzija | | | |
|---|---|---|---|
| Pajjiż | Prova ta’ kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta’ kwalifiki | Data ta’ referenza |
| L-Iżvizzera | Diplom für Kieferorthopädie<br>Diplôme fédéral d’orthodontiste<br>Diploma di ortodontista | Eidgenössisches Departement des Innern und Schweizerische Zahnärzte-Gesellschaft (SSO) / Büro für zahnmedizinische Weiterbildung (BZW)<br>Département fédéral de l’intérieur et Société suisse d’odonto-stomatologie (SSO) / Bureau pour la formation postgrade en médecine dentaire (BZW)<br>Dipartimento federale dell’interno e Società Svizzera di Odontologia e Stomatologia (SSO) / Ufficio per la formazione post-laurea in odontoiatria (BZW) | 1 ta’ Ġunju 2002 |

| Kirurġija tal-ħalq | | | |
|---|---|---|---|
| Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Data ta' referenza |
| L-Iżvizzera | Diplom für Oralchirurgie<br>Diplôme fédéral de chirurgie orale<br>Diploma di chirurgia orale | Eidgenössisches Departement des Innern und Schweizerische Zahnärzte-Gesellschaft (SSO) / Büro für zahnmedizinische Weiterbildung (BZW)<br>Département fédéral de l'intérieur et Société suisse d'odonto-stomatologie (SSO) / Bureau pour la formation postgrade en médecine dentaire (BZW)<br>Dipartimento federale dell'interno e Società Svizzera di Odontologia e Stomatologia (SSO) / Ufficio per la formazione post-laurea in odontoiatria (BZW) | 30 ta' April 2004" |

(h) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.4.2 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova ta' kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Eidgenössisches Tierarztdiplom<br>Diplôme fédéral de vétérinaire<br>Diploma federale di veterinario | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | 1 ta' Ġunju 2002" |

(i) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.5.2 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Titolu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | 1. Diplomierte Hebamme<br>Sage-femme diplômée<br>Levatrice diplomata | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Écoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Hebamme<br>Sage-femme<br>Levatrice | 1 ta' Ġunju 2002 |
| | 2. [Bachelor of Science [Name of the UAS] in Midwifery]<br>"Bachelor of Science HES-SO de Sage-femme" (Bachelor of Science HES-SO in Midwifery)<br>"Bachelor of Science BFH Hebamme" (Bachelor of Science BFH in Midwifery)<br>"Bachelor of Science ZFH Hebamme" (Bachelor of Science ZHAW in Midwifery) | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Écoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Hebamme<br>Sage-femme<br>Levatrice | 1 ta' Ġunju 2002" |

(j) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.6.2 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova ta' kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Eidgenössisches Apothekerdiplom<br>Diplôme fédéral de pharmacien<br>Diploma federale di farmacista | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | 1 ta' Ġunju 2002" |

(k) it-test li ġej jiżdied mal-Anness V, il-punt 5.7.1 tad-Direttiva:

| "Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta' kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova ta' kwalifiki | Sena akkademika ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| L-Iżvizzera | Master of Science in Architecture – Diploma di architetto (Arch. Dipl. USI) | Accademia di Architettura dell'Università della Svizzera Italiana | | 2002-2003 |
| | Master of Arts BFH/HES-SO en architecture, Master of Arts BFH/HES-SO in Architecture | Haute école spécialisée de Suisse occidentale (HES-SO) together with Berner Fachhochschule (BFH) | | 2007-2008 |
| | Master of Arts BFH/HES-SO in Architektur, Master of Arts BFH/HES-SO in Architecture | Haute école spécialisée de Suisse occidentale (HES-SO) together with Berner Fachhochschule (BFH) | | 2007-2008 |
| | Master of Arts FHNW in Architektur | Fachhochschule Nordwestschweiz FHNW | | 2007-2008 |

| “Pajjiż | Prova ta’ kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova ta’ kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova ta’ kwalifiki | Sena akkademika ta’ referenza |
|---|---|---|---|---|
| | Master of Arts FHZ in Architektur | Fachhochschule Zentralschweiz (FHZ) | | 2007-2008 |
| | Master of Arts ZFH in Architektur | Zürcher Fachhochschule (ZFH), Zürcher Hochschule für Angewandte Wissenschaften (ZHAW), Departement Architektur, Gestaltung und Bauingenieurwesen | | 2007-2008 |
| | Master of Science MSc in Architecture, Architecte (arch. Dipl). EPF) | École Polytechnique Fédérale de Lausanne | | 2007-2008 |
| | Master of Science ETH in Architektur, MSc ETH Arch | Eidgenössische Technische Hochschule Zurich | | 2007-2008″ |

(l) it-test li ġej huwa miżjud mal-Anness VI tad-Direttiva:

| “Pajjiż | Prova ta’ kwalifiki formali | Sena akkademika ta’ referenza |
|---|---|---|
| L-Iżvizzera | 1. Diploma di Architetto | 1996-1997 |
| | 2. Master fl-Arti/fix-Xjenza fl-Arkitettura – Diploma di Architetto | 2000-2001 |
| | 3. Dipl. Arch. ETH,<br>arch. dipl. EPF,<br>arch. dipl. PF | 2004-2005 |
| | 4. Architecte diplômé EAUG | 2004-2005 |
| | 5. Architekt REG A<br>Architecte REG A<br>Architetto REG A | 2004-2005” |

2. 31977 L 0249: Id-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17),

kif emendata minn:

– 1 1979 H: L-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati – Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 91),

– 1 1985 I: L-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati – Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 95/1/KE, Euratom, KEFA, tal-1 ta' Jannar 1995 li taġġusta l-istrumenti dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),

– 1 2003 T: L-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

– 32006 L 0100: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà ta' moviment tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),

– 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 77/249/KEE għandha tiġi adattata kif ġej:

It-test li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 1(2):

"L-Iżvizzera:

Advokat, Rechtsanwalt, Anwalt, Fürsprecher, Fürsprech

Avocat

Avvocato".

3. 31998 L 0005: Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36), kif emendata minn:

– 1 2003 T: L-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

– 32006 L 0100: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà ta' moviment tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),

– 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 98/5/KE hija adattata kif ġej:

It-test li ġej jiżdied mal-Artikolu 1(2), il-punt (a):

"L-Iżvizzera:

Advokat, Rechtsanwalt, Anwalt, Fürsprecher, Fürsprech

Avocat

Avvocato".

4. 31974 L 0556: Id-Direttiva tal-Kunsill 74/556/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 li tipprovdi dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw miżuri transitorji rigward l-attivitajiet, kummerċ fil- u distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi u attivitajiet li jintitolaw l-użu professjonali ta' prodotti bħal dawn inklużi attivitajiet ta' intermedjarji (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 1).

5. 319s74 L 0557: Id-Direttiva tal-Kunsill 74/557/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-akkwist tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom u ta' intermedjarji involuti fil-kummerċ u d-distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 5), kif emendata minn:

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 95/1/KE, Euratom, KEFA, tal-1 ta' Jannar 1995 li taġġusta l-istrumenti dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),

– 1 2003 T: L-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

– 32006 L 0101: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/0101/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta d-Direttivi 73/239/KEE, 74/557/KEE u 2002/83/KE fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 238),

– 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 74/557/KEE hija adattata kif ġej:

Fl-Iżvizzera:

Il-prodotti u s-sustanzi tossiċi kollha stabbiliti fil-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni kontra s-Sustanzi u l-Preparazzjonijiet Perikolużi (kumpilazzjoni klassifikata tal-liġi federali (CC 813.1), u b'mod partikolari dawk dwar l-ordinanzi relatati magħhom (CC 813) u dwar is-sustanzi velenużi għall-ambjent (CC 814.812.31, 814.812.32 u 814.812.33).

6. 31986 L 0653: Id-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU L 382, 31.12.1986, p. 17).

7. 32015 R 0983: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/983 tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id- Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 27).

8. 32018 L 0958: Id-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25)

9. 32019 R 0907: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/907 tal-14 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi Test ta' Taħriġ Komuni għall-istrutturi tal-iski skont l-Artikolu 49b tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 7).

10. 32023 D 0423: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/423 tal-24 ta' Frar 2023 dwar proġett pilota għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva relatati mal-professjonijiet regolati stabbiliti fid-Direttivi 2005/36/KE u (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u għall-integrazzjoni tal-bażi tad-data tal-professjonijiet regolati f'dik is-sistema (ĠU L 61, 27.2.2023, p. 62).

11. 32012 R 1024: Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1), kif emendat minn:

– 32013 L 0055: Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132),

– 32014 L 0060: Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1), kif ikkoreġuta minn: ĠU L 147, 12.6.2015, p. 24,

– 32014 L 0067: Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11),

– 32016 R 1191: Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1),

– 32016 R 1628: Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53), kif ikkoreġut minn: ĠU L 231, 6.9.2019, p. 29,

– 32018 R 1724: Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Ottubru 2018 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1),

– 32020 L 1057: Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49),

– 32020 R 1055: Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17).

L-Iżvizzera għandha tuża s-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information System) bħala pajjiż terz għall-iskambji ta’ informazzjoni, inkluża data personali, ma’ atturi tal-IMI fl-Unjoni biex timplimenta proċeduri ta’ kooperazzjoni amministrattiva fejn applikabbli għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim.

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-Kummissjoni tkompli tqis li l-Iżvizzera tipprovdi protezzjoni adegwata tad-data personali kif imsemmi fl-Artikolu 23(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 sakemm id-Deċiżjoni 2000/518/KE[1] tibqa’ fis-seħħ.

L-Iżvizzera għandha tuża s-sistema tal-IMI biex timplimenta proċeduri ta’ kooperazzjoni amministrattiva kif definiti fl-Artikoli 4a sa 4e, l-Artikolu 8, l-Artikolu 21a, l-Artikolu 50, l-Artikolu 56 u l-Artikolu 56a tad-Direttiva 2005/36/KE, kif emendata mid-Direttiva 2013/55/UE, f’konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet tal-iskambji stabbiliti f’dawk l-Artikoli.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta’ Lulju 2000 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta’ data personali pprovduta fl-Isvizzera, inklużi kwalunkwe emenda sussegwenti.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 5, l-ewwel sentenza, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(b) l-Artikolu 8(1), il-punt (e), ma għandux japplika fir-rigward tal-Iżvizzera;

(c) fl-Artikolu 9(5), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "mal-liġi tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "mad-dritt tal-Unjoni kif integrat f'dan il-Ftehim";

(d) fl-Artikolu 10(1), fir-rigward tal-Iżvizzera, il-kliem "skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni" huwa sostitwit bil-kliem "f'konformità mal-leġiżlazzjoni Żvizzera";

(e) fl-Artikolu 16(1) u (2), ir-referenzi għad-Direttiva 95/46/KE għandhom jinftiehmu, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(f) fl-Artikolu 17(4), ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(g) fl-Artikolu 18(1), ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(h) fl-Artikolu 20, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(i) fl-Artikolu 21:

(i) fil-paragrafu 1, ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tinftiehem, sa fejn hija kkonċernata l-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti;

(ii) il-paragrafu 3 ma għandux japplika;

(j) l-Artikolu 25 ma għandux japplika;

(k) l-Artikolu 26(1) għandu jinqara f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Protokoll Istituzzjonali ta' dan il-Ftehim.".

PROTOKOLL

DWAR IR-RESIDENZI SEKONDARJI FID-DANIMARKA

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-Protokoll Nru 32 dwar l-akkwist ta' proprjetà fid-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika wkoll għal dan il-Ftehim fir-rigward tal-akkwist ta' tieni dar fid-Danimarka minn ċittadini Żvizzeri.

PROTOKOLL

DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI F'MALTA

Ix-xiri ta' proprjetà fil-gżejjer Maltin huwa regolat mill-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetá Immobbli minn Persuni mhux Residenti (il-Kapitolu 246 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dak l-Att jistipula li:

(a) Ċittadin Żvizzeru jista' jixtri proprjetà immobbli f'Malta:

(1) Jekk il-proprjetà tkun se tintuża bħala residenza primarja jew jekk l-applikant ikun għex f'Malta bħala resident għal perjodu ta' aktar minn 5 snin jew jekk il-proprjetà tkun se tintuża għal skopijiet ta' negozju, ma hemm l-ebda restrizzjoni.

(2) Jekk il-proprjetà tkun se tintuża għal skopijiet ta' residenza sekondarja u l-applikant ma kienx jgħix f'Malta għal perjodu ta' 5 snin, huwa meħtieġ permess għall-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli (AIP, Acquisition of Immovable Property) u huwa soġġett għall-kundizzjonijiet kif stipulati fl-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetá Immobbli minn Persuni mhux Residenti, inkluż prezz minimu ta' EUR 174 274 għall-appartamenti u EUR 300 619 għad-djar (il-prezzijiet minimi jiġu aġġustati kull sena skont l-indiċi tal-proprjetà kif deskritt fl-Avviż dwar l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà Immobbli [Leġiżlazzjoni Sussidjarja 246.08 tal-Liġijiet ta' Malta]). Tali xiri ma jirrikjedix li l-persuna jkollha dritt ta' residenza f'Malta.

(b) Iċ-ċittadini Żvizzeri jistgħu wkoll jistabbilixxu r-residenza primarja tagħhom f'Malta fi kwalunkwe ħin f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. It-tluq minn Malta ma għandu jimplika l-ebda obbligu li wieħed jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà akkwistata bħala residenza primarja.

(c) Iċ-ċittadini Żvizzeri li jixtru proprjetajiet f’żoni deżinjati speċjali stabbiliti bl-Att (normalment żoni li jiffurmaw parti minn proġetti ta’ riġenerazzjoni urbana) ma jeħtiġux permess għal tali xiri, u lanqas ma huma limitati fl-għadd, fl-użu jew fil-valur ta’ dawn il-proprjetajiet li jistgħu jixtru.

PROTOKOLL

DWAR IL-PERMESSI TA' RESIDENZA FIT-TUL

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem l-"Iżvizzera";

qablu kif ġej:

1. L-għoti ta' permessi ta' residenza fit-tul huwa kwistjoni tal-liġi tal-Unjoni f'konformità mat-Trattati u l-liġi tal-Iżvizzera, rispettivament, u ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"). Għalhekk, il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim ma għandux japplika għal dan il-Protokoll.

2. Meta l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-Unjoni jagħtu permessi ta' residenza fit-tul liċ-ċittadini ta' xulxin skont il-liġijiet rispettivi msemmija fil-paragrafu 1, dawk ir-regoli għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul minimu ta' residenza preċedenti ta' 5 snin meħtieġa.

3. Ir-regoli applikabbli tal-Unjoni u tal-Iżvizzera għandhom jibqgħu komparabbli f'termini ta' kundizzjonijiet u rekwiżiti oħrajn, billi huwa mifhum li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti huma fil-kompetenza tal-Unjoni f'konformità mat-Trattati u tal-Iżvizzera, rispettivament.

4. Dan ta' hawn fuq għandu jkun mingħajr preġudizzju

(a) għar-regoli dwar ir-residenza permanenti previsti fid-Direttiva 2004/38/KE[1] kif ukoll

(b) għad-dispożizzjonijiet għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fi ftehimiet bilaterali diġà konklużi bejn Stat Membru tal-Unjoni u l-Iżvizzera li huma aktar favorevoli mir-regoli applikabbli tal-Unjoni u tal-Iżvizzera.

5. Minkejja l-paragrafu 1, l-Artikolu 10(1), (2) u (5) tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim għandu japplika *mutatis mutandis* għat-tilwim li jirriżulta mill-paragrafi 2 u 3 ta' dan il-Protokoll. F'dawk il-każijiet, l-Artikolu 11 tal-Protokoll istituzzjonali għall-Ftehim għandu japplika wkoll *mutatis mutandis*, ħlief li miżuri ta' kumpens proporzjonati jistgħu jiġu adottati biss fil-qafas tal-Ftehim.

L-Appendiċi tal-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim dwar it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu japplika *mutatis mutandis*, ħlief għall-Artikoli I.4, il-paragrafu 4, l-Artikolu III.4, il-paragrafu 3, it-tieni sentenza, l-Artikolu III.5, il-paragrafu 2, it-tielet sentenza, l-Artikolu III.9 u l-Artikolu III.10, il-paragrafu 5.

---

[1] Id-Direttiva 2004/38/KE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77), kif applikabbli skont l-Anness I ta' dan il-Ftehim.

PROTOKOLL ISTITUZZJONALI

GĦALL-FTEHIM

BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

MINN NAĦA WAĦDA,

U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, MIN-NAĦA L-OĦRA,

DWAR IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

u

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Iżvizzera”;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, magħmul fi Brussell fil-21 ta’ Ġunju 1999, (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim tal-21 ta’ Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta’ Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussel fis-26 ta’ Ottubru 2004, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ April 2006;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim tal-21 ta’ Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni bħala Partijiet Kontraenti tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell, fis-27 ta’ Mejju 2008, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2009;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, magħmul fi Brussell fl-4 ta' Marzu 2016, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017;

BILLI l-ftehimiet konklużi mill-Unjoni huma vinkolanti għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha; dan il-Protokoll għalhekk japplika għall-Partijiet Kontraenti kif stabbilit fil-Ftehim;

BILLI l-Unjoni u l-Iżvizzera huma marbuta minn diversi ftehimiet bilaterali li jkopru diversi oqsma, li jipprevedu drittijiet u obbligi speċifiċi simili, f'ċerti aspetti, għal dawk previsti fl-Unjoni;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-għan ta' dawk il-ftehimiet bilaterali huwa li tiżdied il-kompetittività tal-Ewropa u li jinħolqu rabtiet ekonomiċi aktar mill-qrib bejn il-Partijiet Kontraenti, abbażi tal-ugwaljanza, tar-reċiproċità u tal-bilanċ ġenerali tal-vantaġġi, tad-drittijiet u tal-obbligi tagħhom;

FILWAQT LI HUMA DEĊIŻI li jsaħħu u japprofondixxu l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern tal-Unjoni, abbażi tal-istess regoli bħal dawk li japplikaw għas-suq intern, filwaqt li jippreżervaw l-indipendenza tagħhom u dik tal-istituzzjonijiet tagħhom u, fir-rigward tal-Iżvizzera, jirrispettaw il-prinċipji li jirriżultaw mid-demokrazija diretta, mill-federaliżmu u min-natura settorjali tal-parteċipazzjoni tagħha fis-suq intern;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID li l-kompetenza tal-Qorti Suprema Federali Żvizzera u tal-qrati Żvizzeri l-oħra kollha kif ukoll dik tal-qrati tal-Istati Membri u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex jinterpretaw il-Ftehim f'każijiet individwali hija ppreżervata;

FILWAQT LI HUMA KONXJI li jiżguraw l-uniformità fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera, kemm attwali kif ukoll futuri,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### ARTIKOLU 1

### Objettivi

1. L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jiggarantixxi għall-Partijiet Kontraenti, u għall-operaturi ekonomiċi u għall-individwi, ċertezza legali akbar, trattament ugwali u kundizzjonijiet ekwi fil-qasam relatat mas-suq intern li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

2. Għal dan l-għan, dan il-Protokoll jipprovdi soluzzjonijiet istituzzjonali ġodda li jiffaċilitaw tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti. Filwaqt li jqis il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, dan il-Protokoll jistabbilixxi, b'mod partikolari, soluzzjonijiet istituzzjonali għall-Ftehim li huma komuni għall-ftehimiet bilaterali konklużi jew li għandhom jiġu konklużi fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera, mingħajr ma jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni jew l-objettivi tal-Ftehim, b'mod partikolari:

(a) il-proċedura għall-allinjament tal-Ftehim ma' atti legali tal-Unjoni rilevanti għall-Ftehim;

(b) l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-Ftehim u tal-atti legali tal-Unjoni li għalihom issir referenza fil-Ftehim;

(c) is-sorveljanza u l-applikazzjoni tal-Ftehim; u

(d) is-soluzzjoni tat-tilwim fil-kuntest tal-Ftehim.

ARTIKOLU 2

Relazzjoni mal-Ftehim

1. Il-Protokoll, l-Anness tiegħu, u l-Appendiċi tiegħu għandhom jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim imħassar minn dan il-Protokoll huma elenkati hawn taħt:

(a) l-Artikolu 16;

(b) l-Artikolu 17;

(c) l-Artikolu 19.

3. Ir-referenzi għall-"Komunità Ewropea" jew għall-"Komunità" fil-Ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Unjoni.

ARTIKOLU 3

Ftehimiet bilaterali fl-oqsma relatati mas-suq intern
li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera

1. Il-ftehimiet bilaterali eżistenti u futuri bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera fl-oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera għandhom jitqiesu bħala sett sħiħ li jiżgura bilanċ tad-drittijiet u tal-obbligi bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera.

2. Il-Ftehim jikkostitwixxi ftehim bilaterali f'qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

KAPITOLU 2

ALLINJAMENT TAL-FTEHIM MAL-ATTI LEGALI TAL-UNJONI

ARTIKOLU 4

Parteċipazzjoni fl-abbozzar ta' atti legali tal-Unjoni ("tfassil tad-deċiżjonijiet")

1. Meta tfassal proposta għal att legali tal-Unjoni f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TFUE") fil-qasam kopert mill-Ftehim, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni") għandha tinforma lill-Iżvizzera dwar dan u għandha tikkonsulta b'mod informali mal-esperti tal-Iżvizzera bl-istess mod li titlob il-fehmiet ta' esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni għall-abbozzar tal-proposti tagħha.

Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet Kontraenti, għandu jsir skambju preliminari ta' fehmiet fil-Kumitat Konġunt.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jerġgħu jikkonsultaw lil xulxin, fuq talba ta' waħda minnhom, fil-Kumitat Konġunt f'mumenti importanti tal-fażi ta' qabel l-adozzjoni tal-att legali mill-Unjoni, fi proċess kontinwu ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

2. Meta tħejji, f'konformità mat-TFUE, atti delegati dwar atti bażiċi tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam kopert mill-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Iżvizzera jkollha l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fit-tħejjija tal-abbozzi u għandha tikkonsulta lill-esperti tal-Iżvizzera fuq l-istess bażi li tikkonsulta lill-esperti tal-Istati Membri tal-Unjoni.

3. Meta tħejji, f'konformità mat-TFUE, atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw atti bażiċi tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam kopert mill-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Iżvizzera jkollha l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fit-tħejjija tal-abbozzi li għandhom jiġu sottomessi aktar tard lill-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċitar tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha u għandha tikkonsulta lill-esperti tal-Iżvizzera fuq l-istess bażi li hija tikkonsulta lill-esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni.

4. L-esperti tal-Iżvizzera għandhom ikunu involuti fil-ħidma tal-kumitati mhux koperti mill-paragrafi 2 u 3 meta dan ikun meħtieġ għall-funzjonament xieraq tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jfassal u jaġġorna lista ta' dawk il-kumitati u, meta jkun xieraq, ta' kumitati oħra b'karatteristiċi simili.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika fir-rigward ta' atti legali tal-Unjoni jew dispożizzjonijiet tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7).

ARTIKOLU 5

Integrazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni

1. Sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità tal-liġi fil-qasam relatat mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera bis-saħħa tal-Ftehim, l-Iżvizzera u l-Unjoni għandhom jiżguraw li l-atti legali tal-Unjoni adottati fil-qasam kopert mill-Ftehim jiġu integrati fil-Ftehim malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħhom.

2. L-atti legali tal-Unjoni integrati fil-Ftehim f'konformità mal-paragrafu 4 għandhom ikunu, bl-integrazzjoni tagħhom fil-Ftehim, parti mill-ordni ġuridiku tal-Iżvizzera soġġetti, skont il-każ, għall-adattamenti deċiżi mill-Kumitat Konġunt.

3. Meta tadotta att legali fil-qasam kopert mill-Ftehim, l-Unjoni għandha tinforma lill-Iżvizzera dwar dan malajr kemm jista' jkun permezz tal-Kumitat Konġunt. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi f'konformità mal-paragrafu 1 billi jadotta deċiżjoni malajr kemm jista' jkun biex jemenda l-Annessi I sa III tal-Ftehim, inklużi l-adattamenti meħtieġa.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, jekk ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-Ftehim mal-Anness tiegħu kif emendat skont il-paragrafu 4, il-Kumitat Konġunt jista' jipproponi, għall-approvazzjoni mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri interni tagħhom, ir-reviżjoni tal-Ftehim.

6. Ir-referenzi fil-Ftehim għal atti legali tal-Unjoni li ma għadhomx fis-seħħ għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-att legali li jħassar tal-Unjoni kif integrat fl-Anness tal-Ftehim mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-emenda korrispondenti tal-Anness tal-Ftehim skont il-paragrafu 4, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dik id-deċiżjoni.

7. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għal atti legali tal-Unjoni jew għal dispożizzjonijiet tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' eċċezzjoni elenkata hawn taħt:

– l-Artikolu 5g [Perjodu ta' notifika minn qabel u l-kontrolli];

– l-Artikolu 5h [Garanziji u sanzjonijiet finanzjarji];

– l-Artikolu 5i [Prova ta' impjieg indipendenti];

– l-Artikolu 5j [Nonrigressjoni];

– l-Artikolu 7b [Studenti];

– l-Artikolu 7e [Residenza permanenti];

– l-Artikolu 7f [Xiri ta' proprjetà immobbli];

– l-Artikolu 7g [Karti tal-identità];

– l-Artikolu 7h [Tkeċċija].

– Anness II Koordinazzjoni tal-Iskemi tas-Sigurtà Soċjali, Parti II. Adattamenti Settorjali, Punt 1. a-f.

8. Soġġett għall-Artikolu 6, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont il-paragrafu 4 għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament, iżda taħt l-ebda ċirkostanza qabel id-data li fiha l-att legali korrispondenti tal-Unjoni jsir applikabbli fl-Unjoni.

9. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkooperaw *in bona fide* matul il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet.

10. L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom ikunu konxji tal-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post" u s-sistema ta' infurzar doppju tal-Iżvizzera.

ARTIKOLU 6

Twettiq tal-obbligi kostituzzjonali mill-Iżvizzera

1. Matul l-iskambju ta' fehmiet imsemmi fl-Artikolu 5(3), l-Iżvizzera għandha tinforma lill-Unjoni jekk deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) teħtieġx it-twettiq tal-obbligi kostituzzjonali mill-Iżvizzera sabiex issir vinkolanti.

2. Meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) tirrikjedi li l-Iżvizzera tissodisfa obbligi kostituzzjonali sabiex issir vinkolanti, l-Iżvizzera għandu jkollha limitu ta' żmien massimu ta' sentejn mid-data tal-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1, ħlief meta titnieda proċedura ta' referendum, f'liema każ dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'sena.

3. Sakemm l-informazzjoni mill-Iżvizzera tkun wettqet l-obbligi kostituzzjonali tagħha, il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw b'mod proviżorju d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 5(4), sakemm l-Iżvizzera ma tinfurmax lill-Unjoni li l-applikazzjoni proviżorja tad-deċiżjoni ma hijiex possibbli u tipprovdi r-raġunijiet għal dan.

Fl-ebda ċirkostanza ma tista' sseħħ l-applikazzjoni proviżorja qabel id-data li fiha l-att legali korrispondenti tal-Unjoni jsir applikabbli fl-Unjoni.

4. L-Iżvizzera għandha tinnotifika lill-Unjoni mingħajr dewmien permezz tal-Kumitat Konġunt ladarba tkun wettqet l-obbligi kostituzzjonali msemmija fil-paragrafu 1.

5. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih titwassal in-notifika prevista fil-paragrafu 4, iżda fl-ebda ċirkostanza qabel id-data li fiha l-att legali korrispondenti tal-Unjoni jsir applikabbli fl-Unjoni.

## KAPITOLU 3

## INTERPRETAZZJONI U APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM

### ARTIKOLU 7

### Prinċipju ta' interpretazzjoni uniformi

1. Għall-fini li jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali pubbliku, il-ftehimiet bilaterali fl-oqsma relatati mas-suq intern li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera u l-atti legali tal-Unjoni li ssir referenza għalihom f'tali ftehimiet għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

2. L-atti legali tal-Unjoni li għalihom issir referenza fil-Ftehim u, sa fejn l-applikazzjoni tagħhom tinvolvi kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiġu interpretati u applikati f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qabel jew wara l-iffirmar tal-Ftehim.

ARTIKOLU 8

Prinċipju ta' applikazzjoni effettiva u armonjuża

1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin fl-iżgurar tas-sorveljanza tal-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jistgħu jiskambjaw fehmiet u jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

2. Kull Parti Kontraenti għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva u armonjuża tal-Ftehim fit-territorju tagħha.

3. Is-sorveljanza tal-applikazzjoni tal-Ftehim għandha titwettaq b'mod konġunt mill-Partijiet Kontraenti fil-Kumitat Konġunt.

Jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet Żvizzeri kompetenti jsiru jafu b'każ ta' applikazzjoni mhux korretta, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-Kumitat Konġunt bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli.

4. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri rispettivament għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-Ftehim mill-Parti Kontraenti l-oħra. Tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 10.

Sa fejn ċerti kompetenzi ta' sorveljanza tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward ta' Parti Kontraenti waħda jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u armonjuża tal-Ftehim, bħal setgħat ta' investigazzjoni u ta' deċiżjoni, il-Ftehim irid jipprevedihom speċifikament.

ARTIKOLU 9

Prinċipju ta' esklużività

Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jissottomettux tilwima rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-atti legali tal-Unjoni li għalihom issir referenza fil-Ftehim jew, fejn applikabbli, rigward il-konformità mal-Ftehim ta' deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni abbażi tal-Ftehim għal kwalunkwe metodu ta' soluzzjoni minbarra dawk previsti f'dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 10

Proċedura f'każ ta' diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni

1. F'każ ta' diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-Ftehim jew ta' att legali tal-Unjoni li għalih issir referenza fil-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex isibu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jiġi pprovdut bl-elementi utli kollha ta' informazzjoni sabiex ikun jista' jagħmel eżami dettaljat tas-sitwazzjoni. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina l-possibbiltajiet kollha li jippermettu li jinżamm il-funzjonament xieraq tal-Ftehim.

2. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsib soluzzjoni għad-diffikultà msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 3 xhur mid-data li fiha tkun ġiet sottomessa d-diffikultà, kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' titlob li tribunal tal-arbitraġġ isolvi t-tilwima f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Appendiċi.

3. Meta t-tilwima tqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2), u jekk l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tkun rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima u meħtieġa biex tkun tista' tiddeċiedi, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jirreferi dik il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Meta t-tilwima tqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' eċċezzjoni mill-obbligu ta' allinjament dinamiku msemmi fl-Artikolu 5(7), u fejn it-tilwima ma tinvolvix l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jsolvi t-tilwima mingħajr ma jirreferiha lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

4. Meta t-tribunal tal-arbitraġġ jirreferi kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 3:

(a) is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun vinkolanti fuq it-tribunal tal-arbitraġġ; u

(b) l-Iżvizzera għandha tgawdi l-istess drittijiet bħall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha tkun soġġetta għall-istess proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, *mutatis mutandis*.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma *in bona fide* mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

Il-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma kkonformatx mal-Ftehim għandha tinforma lill-Parti Kontraenti l-oħra bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Kumitat Konġunt.

6. Is-salvagwardji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-rifjut tal-assistenza soċjali u t-terminazzjoni tar-residenza qabel l-akkwist ta' residenza permanenti u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-notifika tal-bidu tal-impjieg, annessi mal-Ftehim, għandhom jitqiesu *in bona fide* fil-kuntest tas-soluzzjoni tat-tilwim ippreżentat lill-Kumitat Konġunt.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika sakemm, u sa fejn, is-salvagwardji jibqgħu kompatibbli mal-atti legali rilevanti tal-Unjoni kif integrati fil-Ftehim. Is-salvagwardji ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 11

Miżuri ta' kumpens

1. Jekk il-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma tkunx ikkonformat mal-Ftehim ma tinfurmax lill-Parti Kontraenti l-oħra, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit f'konformità mal-Artikolu IV.2 (6) tal-Appendiċi, bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, jew jekk il-Parti Kontraenti l-oħra tqis li l-miżuri kkomunikati ma jikkonformawx mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, din il-Parti Kontraenti l-oħra tista' tadotta miżuri kumpensatorji proporzjonati fil-qafas tal-Ftehim jew ta' kwalunkwe ftehim bilaterali ieħor fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera (minn hawn' il quddiem imsejħa "miżuri ta' kumpens") sabiex tirrimedja żbilanċ potenzjali. Din għandha tinnotifika lill-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma kkonformatx mal-Ftehim dwar il-miżuri ta' kumpens, li għandhom jiġu speċifikati fin-notifika. Dawn il-miżuri ta' kumpens għandhom jidħlu fis-seħħ 3 xhur mid-data ta' din in-notifika.

2. Jekk, fi żmien xahar mid-data tan-notifika tal-miżuri ta' kumpens maħsuba, il-Kumitat Konġunt ma jkunx ħa deċiżjoni li jissospendi, jemenda jew jannulla dawk il-miżuri ta' kumpens, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tissottometti għall-arbitraġġ il-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' dawk il-miżuri ta' kumpens, f'konformità mal-Appendiċi.

3. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu III.8 (4) tal-Appendiċi.

4. Il-miżuri ta' kumpens ma għandux ikollhom effett retroattiv. B'mod partikolari, id-drittijiet u l-obbligi diġà akkwistati minn individwi u minn operaturi ekonomiċi qabel ma l-miżuri ta' kumpens jidħlu fis-seħħ għandhom jiġu ppreżervati.

## ARTIKOLU 12

### Kooperazzjoni bejn il-ġuriżdizzjonijiet

1. Sabiex tiġi promossa l-interpretazzjoni omoġena, il-Qorti Suprema Federali Żvizzera u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandhom jaqblu dwar djalogu u l-modalitajiet tiegħu.

2. L-Iżvizzera għandu jkollha d-dritt li tippreżenta noti jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni tirreferi kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Ftehim jew ta' dispożizzjoni ta' att legali tal-Unjoni msemmi fih lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

ARTIKOLU 13

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Iżvizzera għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-Unjoni, is-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra elenkati fl-Artikolu 1 tal-Anness li għalihom għandha aċċess, f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Anness.

Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex dan l-Anness jiġi emendat.

2. L-Unjoni tista' tissospendi l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi kwalunkwe ħin jekk l-Iżvizzera tonqos milli tirrispetta l-iskadenza tal-pagament skont it-termini tal-pagament stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Anness.

Meta l-Iżvizzera tonqos milli tirrispetta skadenza għall-ħlas, l-Unjoni għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira lill-Iżvizzera. Meta ma jsir l-ebda pagament sħiħ fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra formali ta' tfakkira, l-Unjoni tista' tissospendi l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-attività rilevanti.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma tas-somma ta':

(a) kontribuzzjoni operazzjonali; u

(b) tariffa tal-parteċipazzjoni.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja annwali u din għandha tkun dovuta fid-dati speċifikati fis-sejħiet għall-fondi maħruġa mill-Kummissjoni.

5. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-prodott domestiku gross (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"PDG") tal-Iżvizzera bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq.

Għal dak l-għan, iċ-ċifri għall-PDG bil-prezzijiet tas-suq tal-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu l-aħħar ċifri disponibbli mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jsir il-pagament annwali kif previst mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (EUROSTAT), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004. Jekk dak il-ftehim ma jibqax japplika, il-PDG tal-Iżvizzera għandu jkun dak stabbilit fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

6. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għal kull aġenzija tal-Unjoni għandha tiġi kkalkulata billi jiġi applikat il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-baġit ivvutat annwali tagħha mniżżel fuq il-linja/i rilevanti tas-sussidju tal-baġit tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni, filwaqt li għal kull aġenzija titqies kwalunkwe kontribuzzjoni operazzjonali aġġustata kif definit fl-Artikolu 1 tal-Anness.

Il-kontribuzzjoni operazzjonali għas-sistemi ta' informazzjoni u għal attivitajiet oħra għandha tiġi kkalkulata billi jiġi applikat il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-baġit rilevanti tas-sena inkwistjoni kif stabbilit fid-dokumenti li jimplimentaw il-baġit, bħal programmi ta' ħidma jew kuntratti.

L-ammonti ta' referenza kollha għandhom ikunu bbażati fuq approprjazzjonijiet ta' impenn.

7. It-tariffa ta' parteċipazzjoni annwali għandha tkun ta' 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali kif ikkalkulata f'konformità mal-paragrafi 5 u 6.

8. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Iżvizzera informazzjoni adegwata fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-regoli tal-Unjoni dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data.

9. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha mill-Iżvizzera jew il-pagamenti mill-Unjoni, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti, għandhom isiru f'euro.

10. Meta d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll ma jikkoinċidix mal-bidu ta' sena kalendarja, il-kontribuzzjoni operattiva tal-Iżvizzera għas-sena inkwistjoni għandha tkun soġġetta għal aġġustament, skont il-metodoloġija u t-termini tal-pagament definiti fl-Artikolu 5 tal-Anness.

11. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness.

12. 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u sussegwentement kull 3 snin, il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera kif definiti fl-Artikolu 1 tal-Anness u, fejn xieraq, jadattahom.

ARTIKOLU 14

Referenzi għat-territorji

Kull meta l-atti legali tal-Unjoni integrati fil-Ftehim ikun fihom referenzi għat-territorju tal-"Unjoni Ewropea", tal-"Unjoni", tas-"suq komuni" jew tas-"suq intern", għall-finijiet tal-Ftehim ir-referenzi għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-territorji msemmija fl-Artikolu 24 tal-Ftehim.

ARTIKOLU 15

Referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni

Kull meta l-atti legali tal-Unjoni integrati fil-Ftehim ikun fihom referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni, ir-referenzi għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinftiehmu bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-Iżvizzera.

ARTIKOLU 16

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-atti legali tal-Unjoni integrati fil-Ftehim dwar id-dħul fis-seħħ jew l-implimentazzjoni tagħhom ma humiex rilevanti għall-finijiet tal-Ftehim.

Il-limiti ta' żmien u d-dati għall-Iżvizzera għad-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li jintegraw l-atti legali tal-Unjoni fil-Ftehim jirriżultaw mill-Artikolu 5(8) u l-Artikolu 6(5), kif ukoll mid-dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti tranżitorji.

## ARTIKOLU 17

### Destinatarji tal-atti legali tal-Unjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-atti legali tal-Unjoni integrati fil-Ftehim li jindikaw li huma indirizzati lill-Istati Membri tal-Unjoni ma humiex rilevanti għall-finijiet tal-Ftehim.

# KAPITOLU 5

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

## ARTIKOLU 18

### Implimentazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ikunu ġenerali kif ukoll jekk ikunu partikolari, sabiex jiżguraw li l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-Ftehim ikunu ssodisfati u għandhom jevitaw li jieħdu kwalunkwe miżura li b'xi mod tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu r-riżultat maħsub tal-atti legali tal-Unjoni li għalihom issir referenza fil-Ftehim u għandhom jevitaw li jieħdu kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-ilħuq tal-għanijiet tagħhom.

ARTIKOLU 19

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Unjoni u mill-Iżvizzera f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

2. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar notifika rigward l-istrumenti li ġejjin:

(a) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(b) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(c) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(d) il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(e) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(f) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(g) il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u tat-triq;

(h) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli;

(i) il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità;

(j) il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità;

(k) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea;

(l) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni;

(m) il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

ARTIKOLU 20

Emenda u terminazzjoni

1. Dan il-Protokoll jista' jiġi emendat fi kwalunkwe ħin bi ftehim reċiproku tal-Unjoni u tal-Iżvizzera.

2. Meta l-Ftehim jiġi tterminat f'konformità mal-Artikolu 25(3) tal-Ftehim, dan il-Protokoll ma jibqax fis-seħħ fid-data msemmija fl-Artikolu 25(4) tal-Ftehim.

3. Meta l-Ftehim ma jibqax fis-seħħ, għandhom jiġu ppreservati d-drittijiet u l-obbligi li individwi u operaturi ekonomiċi jkunu diġà kisbu bis-saħħa tal-Ftehim qabel id-data tal-waqfien tal-Ftehim. L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom isolvu bi ftehim reċiproku x'azzjoni għandha tittieħed fir-rigward tad-drittijiet fil-proċess tal-akkwist.

Magħmul fi […], nhar […] f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

(Blokka tal-Firem, bl-effett ta', bl-24 lingwa kollha tal-UE: "Għall-Unjoni Ewropea" u "Għall-Konfederazzjoni Żvizzera")

**ANNESS**

ANNESS DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 13 TAL-PROTOKOLL

ARTIKOLU 1

Lista tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-Unjoni, tas-sistemi ta' informazzjoni u ta' attivitajiet oħra li l-Isvizzera għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għalihom

L-Iżvizzera għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal dawn li ġejjin:

(a) l-aġenziji:

xejn.

(b) is-sistemi ta' informazzjoni:

In-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), kif applikabbli skont l-Anness I tal-Ftehim;

L-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI - Electronic Exchange of Social Security Information) kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1), kif ikkoreġut minn: ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1 u ĠU L 204, 4.8.2007, p. 30) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1), kif applikabbli skont l-Anness II tal-Ftehim

is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) kif stabbilita mir-Regolament (UE) 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1), kif applikabbli skont l-Anness I u III tal-Ftehim.

(c) attivitajiet oħra:

xejn.

ARTIKOLU 2

Termini tal-ħlas

1. Il-ħlasijiet dovuti skont l-Artikolu 13 tal-Protokoll għandhom isiru skont dan l-Artikolu.

2. Meta toħroġ is-sejħa għall-fondi tas-sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Iżvizzera:

(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali; u

(b) l-ammont tat-tariffa tal-parteċipazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Iżvizzera, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mis-16 ta' April ta' kull sena finanzjarja, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera:

(a) l-ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit annwali vvutat tal-Unjoni iskritti fuq il-linja/i rilevanti tas-sussidju tal-baġit tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni għal kull aġenzija tal-Unjoni, filwaqt li titqies għal kull aġenzija kwalunkwe kontribuzzjoni operazzjonali aġġustata kif definit fl-Artikolu 1, u l-ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn fir-rigward tal-baġit ivvutat tal-Unjoni tas-sena inkwistjoni għall-baġit rilevanti tas-sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra, li jkopru l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'konformità mal-Artikolu 1;

(b) l-ammont tat-tariffa ta'parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(7) tal-Protokoll; u

(c) fir-rigward tal-aġenziji, fis-sena N+1, l-ammonti f'impenji baġitarji magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati fis-sena N fuq il-linja/i tas-sussidju rilevanti fil-baġit tal-Unjoni fir-rigward tal-baġit annwali tal-Unjoni mdaħħla fuq il-linja/i rilevanti tas-sussidju tal-baġit tal-Unjoni tas-sena N.

4. Fuq il-bażi tal-abbozz tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni għandha tipprovdi stima tal-informazzjoni skont il-paragrafu 3, il-punti (a) u (b) malajr kemm jista' jkun, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena finanzjarja.

5. Il-Kummissjoni għandha toħroġ lill-Iżvizzera, mhux aktar tard mis-16 ta' April u jekk applikabbli lill-aġenzija rilevanti, is-sistema ta' informazzjoni jew attività oħra, mhux qabel it-22 ta' Ottubru u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena finanzjarja, sejħa għall-fondi li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera skont il-Ftehim għal kull waħda mill-aġenziji, sistemi ta' informazzjoni u attivitajiet oħra li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera.

6. Is-sejħa jew sejħiet għall-fondi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom ikunu strutturati f'pagamenti parzjali kif ġej:

(a) l-ewwel pagament parzjali ta' kull sena, fir-rigward tas-sejħa għal fondi li għandha tinħareġ sas-16 ta' April, għandu jikkorrispondi għal ammont sal-ekwivalenti tal-istima tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-aġenzija, sistema ta' informazzjoni jew attività oħra inkwistjoni msemmija fil-paragrafu 4.

L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat f'din is-sejħa għall-fondi mhux aktar tard minn 60 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi.

(b) fejn applikabbli, it-tieni pagament parzjali tas-sena, fir-rigward tas-sejħa għal fondi li għandha tinħareġ mhux qabel it-22 ta' Ottubru u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, għandu jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont imsemmi fil-paragrafu 4 u l-ammont imsemmi fil-paragrafu 5, fejn l-ammont imsemmi fil-paragrafu 5 ikun ogħla.

L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat f'din is-sejħa għall-fondi sa mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru.

Għal kull sejħa għall-fondi, l-Iżvizzera tista' tagħmel pagamenti separati għal kull aġenzija, sistema ta' informazzjoni jew attività oħra.

7. Għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa waħda għall-fondi, fi żmien 90 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat fis-sejħa għall-fondi mhux aktar tard minn 60 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi.

8. Kwalunkwe dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jagħti lok għall-ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza mill-Iżvizzera fuq l-ammont pendenti mid-data dovuta sal-jum li fih dak l-ammont pendenti jitħallas kollu.

Ir-rata tal-imgħax għall-ammonti riċevibbli iżda mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fih taħbat id-data dovuta, jew 0 %, skont liema tkun l-ogħla, biż-żieda ta' 3,5 punti perċentwali.

ARTIKOLU 3

Aġġustament tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lill-aġenziji tal-Unjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni

L-aġġustament tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lill-aġenziji tal-Unjoni għandu jsir fis-sena N+1, meta l-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali tiġi aġġustata 'l fuq jew 'l isfel bid-differenza bejn il-kontribuzzjoni operazzjonali inizjali u l-kontribuzzjoni aġġustata kkalkolata bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tas-sena N għall-ammont ta' impenji baġitarji magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati fis-sena N taħt il-linja/i tas-sussidju rilevanti fil-baġit tal-Unjoni. Fejn applikabbli, id-differenza għandha tqis, għal kull aġenzija, il-kontribuzzjoni operazzjonali aġġustata bbażata fuq il-perċentwal kif definit fl-Artikolu 1.

ARTIKOLU 4

Arranġamenti eżistenti

L-Artikolu 13 tal-Protokoll u dan l-Anness ma għandhomx japplikaw għal arranġamenti speċifiċi bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni li jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Iżvizzera. L-aġenziji, is-sistemi ta' informazzjoni u l-attivitajiet l-oħra koperti minn tali arranġamenti huma dawn li ġejjin:

– Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali (MISSOC, Mutual Information System on Social Protection), skont l-arranġamenti kuntrattwali rispettivi tal-Iżvizzera u tal-Kummissjoni mas-segretarjat tal-MISSOC.

ARTIKOLU 5

Arranġamenti tranżizzjonali

Fil-każ li d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ma tkunx l-1 ta' Jannar, dan l-Artikolu għandu japplika b'deroga mill-Artikolu 2.

Għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Protokoll, fir-rigward tal-kontribuzzjoni operazzjonali dovuta għas-sena inkwistjoni applikabbli għall-aġenzija, għas-sistema ta' informazzjoni jew għal attività oħra rilevanti, kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Protokoll u mal-Artikoli 1 sa 3 ta' dan l-Anness, il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha titnaqqas fuq bażi *pro rata temporis* billi jiġi mmultiplikat l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali dovut għall-proporzjon ta' dawn li ġejjin:

(a) l-għadd ta' jiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll sal-31 ta' Diċembru tas-sena inkwistjoni; u

(b) l-għadd totali ta' jiem kalendarji tas-sena inkwistjoni.

# APPENDIĊI DWAR IT-TRIBUNAL TAL-ARBITRAĠĠ

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARJI

### ARTIKOLU I.1

### Kamp ta' Applikazzjoni

Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti (minn hawn' il quddiem imsejħa "partijiet") tressaq tilwima għall-arbitraġġ f'konformità mal-Artikoli 10(2) jew 11(2) tal-Protokoll jew tressaq każ għall-arbitraġġ f'konformita mal-Artikolu 14a(2) jew (4) tal-Ftehim, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti f'dan l-Appendiċi.

ARTIKOLU I.2

Servizzi ta' reġistru u ta' segretarjat

L-Uffiċċju Internazzjonali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ f'The Hague (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju Internazzjonali") għandu jwettaq il-funzjonijiet ta' reġistru u jipprovdi s-servizzi tas-segretarjat meħtieġa.

ARTIKOLU I.3

Avviżi u kalkolu tal-limiti taż-żmien

1. L-avviżi, inklużi l-komunikazzjonijiet jew il-proposti, jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni li jiċċertifika t-trażmissjoni tagħhom, jew li jippermettilhom li jiġu ċċertifikati.

2. Dawn l-avviżi jistgħu jintbagħtu b'mod elettroniku biss jekk indirizz ikun ġie nnominat jew awtorizzat minn parti speċifikament għal dan il-għan.

3. Dawn l-avviżi nnotifikati lill-partijiet għandhom jintbagħtu, għall-Iżvizzera, lid-Diviżjoni tal-Ewropa tad-Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin tal-Iżvizzera u, għall-Unjoni, lis-Servizz Legali tal-Kummissjoni.

4. Kwalunkwe limitu ta' żmien stabbilit f'dan l-Appendiċi għandu jibda mill-jum wara li jseħħ avveniment jew issir azzjoni. Jekk l-aħħar jum għall-konsenja ta' dokument jaħbat f'jum mhux tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-gvern tal-Iżvizzera, il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tad-dokument għandu jintemm fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss. Il-jiem mhux tax-xogħol li jaqgħu fil-perjodu ta' żmien għandhom jingħaddu.

ARTIKOLU I.4

Avviż ta' arbitraġġ

1. Il-parti li tieħu l-inizjattiva li tuża l-arbitraġġ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "rikorrent") għandha tibgħat lill-parti l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa -l"intimat") u lill-Uffiċċju Internazzjonali notifika ta' arbitraġġ.

2. Il-proċedimenti ta' arbitraġġ għandhom jitqiesu li jibdew fil-jum wara dak li fih l-intimat jirċievi l-avviż ta' arbitraġġ.

3. L-avviż ta' arbitraġġ għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-domanda li t-tilwima tiġi riferuta għall-arbitraġġ;

(b) l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-aġent(i) tar-rikorrent;

(d) il-bażi legali tal-proċedimenti (l-Artikolu 10(2) jew l-Artikolu 11(2) tal-Protokoll) u:

(i) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll, il-kwistjoni li tikkawża t-tilwima kif imdaħħla uffiċjalment, għal riżoluzzjoni, fl-aġenda tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 10(1) tal-Protokoll; u

(ii) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2) tal-Protokoll, id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(5) tal-Protokoll u l-miżuri kumpensatorji kkontestati;

(iii) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14a(2) u (4) tal-Ftehim, l-allegati diffikultajiet f'konformità mal-Artikolu 14a(2) tal-Ftehim;

(e) id-deżinjazzjoni ta' kwalunkwe regola li tikkawża t-tilwima jew relatata magħha;

(f) deskrizzjoni fil-qosor tat-tilwima; u

(g) il-ħatra ta' arbitru jew, jekk għandhom jinħatru ħames arbitri, il-ħatra ta' żewġ arbitri.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tal-Protokoll, l-avviż ta' arbitraġġ jista' jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-ħtieġa ta' rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

5. Kwalunkwe pretensjoni dwar is-suffiċjenza tal-avviż ta' arbitraġġ ma għandhiex tipprevjeni l-kostituzzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ. It-tilwima għandha tiġi deċiża b'mod definittiv mit-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU I.5

Risposta għall-avviż ta' arbitraġġ

1. Fi żmien 60 jum minn meta jirċievi l-avviż ta' arbitraġġ, l-intimat għandu jibgħat risposta għall-avviż ta' arbitraġġ lir-rikorrent u lill-Uffiċċju Internazzjonali, li għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet;

(b) l-isem u l-indirizz tal-aġent(i) tal-intimat;

(c) risposta għall-informazzjoni mogħtija fl-avviż tal-arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu I.4(3), il-punti (d) sa (f); u

(d) il-ħatra ta' arbitru jew, jekk għandhom jinħatru ħames arbitri, il-ħatra ta' żewġ arbitri.

2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tal-Protokoll, ir-risposta għall-avviż ta' arbitraġġ jista' jkun fiha wkoll risposta għall-informazzjoni mogħtija fl-avviż ta' arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu I.4(4) ta' dan l-Appendiċi u informazzjoni dwar il-ħtieġa ta' rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. In-nuqqas ta' risposta jew risposta mhux kompluta jew tardiva mill-intimat għall-avviż ta' arbitraġġ ma għandhiex tipprevjeni li jiġi kkostitwit tribunal tal-arbitraġġ. It-tilwima għandha tiġi deċiża b'mod definittiv mit-tribunal tal-arbitraġġ.

4. Jekk fir-risposta tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ l-intimat jitlob li t-tribunal tal-arbitraġġ ikun magħmul minn ħames arbitri, ir-rikorrent għandu jaħtar arbitru addizzjonali fi żmien 30 jum minn meta jirċievi r-risposta għall-avviż ta' arbitraġġ.

ARTIKOLU I.6

Rappreżentanza u għajnuna

1. Il-partijiet għandhom ikunu rrappreżentati quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ minn aġent wieħed jew aktar. L-aġenti jistgħu jkunu assistiti minn konsulenti jew avukati.

2. Kwalunkwe bidla fl-aġenti jew fl-indirizzi tagħhom għandha tiġi nnotifikata lill-parti l-oħra, lill-Uffiċċju Internazzjonali u lit-tribunal tal-arbitraġġ. It-tribunal tal-arbitraġġ jista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' parti, jitlob evidenza tas-setgħat mogħtija lill-aġenti tal-partijiet.

KAPITOLU II

KOMPOŻIZZJONI TAT-TRIBUNAL TAL-ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU II.1

Għadd ta' arbitri

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun kompost minn tliet arbitri. Jekk ir-rikorrent fl-avviż ta' arbitraġġ tiegħu jew l-intimat fir-risposta tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ jitlob dan, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun magħmul minn ħames arbitri.

ARTIKOLU II.2

Ħatra tal-arbitri

1. Jekk għandhom jinħatru tliet arbitri, kull waħda mill-partijiet għandha taħtar wieħed minnhom. Iż-żewġ arbitri maħtura mill-partijiet għandhom jagħżlu t-tielet arbitru, li għandu jkun il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ.

2. Jekk għandhom jinħatru ħames arbitri, kull waħda mill-partijiet għandha taħtar tnejn minnhom. L-erba' arbitri maħtura mill-partijiet għandhom jagħżlu l-ħames arbitru, li għandu jkun il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ.

3.	Jekk, fi żmien 30 jum mill-ħatra tal-aħħar arbitru maħtur mill-partijiet, l-arbitri ma jkunux laħqu ftehim dwar l-għażla tal-president tat-tribunal tal-arbitraġġ, il-president għandu jinħatar mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ.

4.	Bħala għajnuna fl-għażla tal-arbitri biex jagħmlu parti mit-tribunal tal-arbitraġġ, għandha tiġi stabbilita lista indikattiva ta' persuni li għandhom il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6, li għandha tkun komuni għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera kif ukoll il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa, magħmul fi […] nhar […] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim dwar is-saħħa"), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 (minn issa ''l quddiem imsejjaħ "Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli") u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea, magħmul fi […] nhar […] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari"), li għandha tiġi aġġornata meta meħtieġ. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dik il-lista b'deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

5.	Meta parti tonqos milli taħtar arbitru, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ għandu jaħtar dak l-arbitru mil-lista msemmija fil-paragrafu 4. Fin-nuqqas ta' tali lista, l-arbitru għandu jinħatar bix-xorti mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ mill-individwi li jkunu ġew proposti formalment minn parti waħda jew miż-żewġ partijiet għall-finijiet tal-paragrafu 4.

6. Il-persuni li jikkostitwixxu t-tribunal tal-arbitraġġ għandhom ikunu persuni kkwalifikati ħafna, b'rabtiet jew mingħajrhom mal-partijiet, li l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess tagħhom huma garantiti, flimkien ma' firxa wiesgħa ta' esperjenza. B'mod partikolari, għandhom ikunu wrew għarfien espert fil-liġi u fil-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim; ma għandhom jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda parti; u għandhom iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jiħdux struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima. Il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu wkoll esperjenza fil-proċeduri għas-soluzzjoni għat-tilwim.

ARTIKOLU II.3

Dikjarazzjonijiet tal-arbitri

1. Meta persuna tkun qiegħda tiġi kkunsidrata biex tinħatar bħala arbitru, dik il-persuna għandha tirrapporta ċ-ċirkostanzi kollha li x'aktarx iwasslu għal dubji leġittimi dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tagħha. Mill-ħatra u matul il-proċedimenti kollha ta' arbitraġġ, l-arbitru għandu jirrapporta tali ċirkostanzi lill-partijiet u lill-arbitri l-oħra mingħajr dewmien, jekk l-arbitru ma jkunx diġà għamel dan.

2. Kwalunkwe arbitru jista' jitneħħa jekk ikunu jeżistu ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal dubji leġittimi dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tiegħu.

3. Parti tista' titlob biss it-tneħħija ta' arbitru li tkun ħatret minħabba raġuni li ssir magħrufa lilu wara dik il-ħatra.

4. Jekk arbitru jonqos milli jaġixxi jew jekk ikun impossibbli *de jure* jew *de facto* li arbitru jissodisfa r-rwol tiegħu, għandha tapplika l-proċedura għat-tneħħija tal-arbitri stabbilita fl-Artikolu II.4.

ARTIKOLU II.4

Tneħħija tal-arbitri

1. Kwalunkwe parti li tkun tixtieq tkeċċi arbitru għandha tagħmel talba għat-tkeċċija fi żmien 30 jum mid-data li fiha tiġi nnotifikata dwar il-ħatra ta' dak l-arbitru jew fi żmien 30 jum mid-data li fiha ssir taf biċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu II.3.

2. It-talba biex jitneħħa għandha tintbagħat lill-parti l-oħra, lill-arbitru mneħħi, lill-arbitri l-oħra u lill-Uffiċċju Internazzjonali. Għandha tistabbilixxi r-raġunijiet biex jitneħħa.

3. Meta tkun saret talba biex jitneħħa, il-parti l-oħra tista' taċċetta t-talba biex jitneħħa. L-arbitru inkwistjoni jista' wkoll jirriżenja. L-aċċettazzjoni jew ir-riżenja ma timplikax rikonoxximent tar-raġunijiet għat-talba biex jitneħħa.

4. Jekk, fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tat-talba biex jitneħħa, il-parti l-oħra ma taċċettax it-talba biex jitneħħa jew l-arbitru inkwistjoni ma jirriżenjax, il-parti li titlob it-tneħħija tista' titlob lis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ jieħu deċiżjoni dwar it-tneħħija.

5. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tindika r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

ARTIKOLU II.5

Sostituzzjoni ta' arbitru

1. Soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun meħtieġ li arbitru jiġi sostitwit matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ, għandu jiġi maħtur jew magħżul sostitut f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu II.2 applikabbli għall-ħatra jew l-għażla tal-arbitru li għandu jiġi sostitwit. Dik il-proċedura għandha tapplika anke jekk parti waħda ma tkunx eżerċitat id-dritt tagħha li taħtar jew li tipparteċipa fil-ħatra tal-arbitru li għandu jiġi sostitwit.

2. Fil-każ ta' sostituzzjoni ta' arbitru, il-proċedura għandha terġa' tibda fl-istadju fejn l-arbitru sostitwit ma jkunx baqa' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ ma jiddeċidix mod ieħor.

ARTIKOLU II.6

Esklużjoni tar-responsabbiltà

Ħlief f'każijiet ta' mġiba ħażina intenzjonata jew negliġenza gravi, il-partijiet jirrinunzjaw, sa fejn ikun permess mil-liġi applikabbli, kwalunkwe azzjoni kontra l-arbitri għal kwalunkwe att jew ommissjoni relatata mal-arbitraġġ.

KAPITOLU III

PROĊEDIMENTI TA' ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU III.1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Id-data tal-istabbiliment tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tkun id-data li fiha l-aħħar arbitru jkun aċċetta l-ħatra tiegħu.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiżgura li l-partijiet jiġu ttrattati b'mod ugwali u li, fi stadju xieraq tal-proċedimenti, kull waħda minnhom ikollha possibbiltà suffiċjenti li tasserixxi drittijietha u tippreżenta l-każ tagħha. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jmexxi l-proċedimenti b'tali mod li jevita dewmien u nefqa mhux meħtieġa u jiżgura s-soluzzjoni għat-tilwim bejn il-partijiet.

3. Għandha tiġi organizzata seduta, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ ma jiddeċidix mod ieħor, wara li jkun sema' lill-partijiet.

4. Meta parti tibgħat komunikazzjoni lit-tribunal tal-arbitraġġ, hija għandha tagħmel dan permezz tal-Uffiċċju Internazzjonali u għandha tibgħat kopja lill-parti l-oħra fl-istess ħin. L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jibgħat kopja ta' dik il-komunikazzjoni lil kull wieħed mill-arbitri.

ARTIKOLU III.2

Post tal-arbitraġġ

Il-post tal-arbitraġġ huwa The Hague. It-tribunal tal-arbitraġġ jista', jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu dan, jiltaqa' fi kwalunkwe post ieħor li jqis xieraq għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU III.3

Lingwa

1. Il-lingwi tal-proċedimenti għandhom ikunu l-Franċiż u l-Ingliż.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jordna li d-dokumenti kollha mehmuża mat-talba tar-rikorrent jew mar-risposta tal-intimat u d-dokumenti ulterjuri kollha prodotti matul il-proċedimenti, ippreżentati bil-lingwa oriġinali tagħhom, ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni f'waħda mil-lingwi tal-proċedimenti.

ARTIKOLU III.4

Talba tar-rikorrent

1. Ir-rikorrent għandu jibgħat it-talba tiegħu bil-miktub lill-intimat u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Uffiċċju Internazzjonali, fil-limitu ta' żmien stabbilit mit-tribunal tal-arbitraġġ. Ir-rikorrent jista' jiddeċiedi li jqis l-avviż ta' arbitraġġ tiegħu msemmi fl-Artikolu I.4 bħala dikjarazzjoni tat-talba, dment li jkun jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. It-talba tar-rikorrent għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu I.4(3), il-punti (b) sa (f);

(b) dikjarazzjoni tal-fatti sottomessi b'appoġġ għall-pretensjoni; u

(c) l-argumenti legali mressqa b'appoġġ għall-pretensjoni.

3. It-talba tar-rikorrent għandha, sa fejn ikun possibbli, tkun akkumpanjata minn kwalunkwe dokument u evidenza oħra msemmija mir-rikorrent jew għandha tirreferi għalihom. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tal-Protokoll, id-dikjarazzjoni tat-talba għandha wkoll, sa fejn ikun possibbli, jkun fiha informazzjoni dwar il-ħtieġa ta' rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU III.5

Risposta tal-intimat

1. L-intimat għandu jibgħat ir-risposta tiegħu bil-miktub lir-rikorrent u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Uffiċċju Internazzjonali, fil-limitu ta' żmien stabbilit mit-tribunal tal-arbitraġġ. L-intimat jista' jiddeċiedi li jqis ir-risposta għall-avviż ta' arbitraġġ imsemmi fl-Artikolu I.5 bħala risposta tal-intimat, dment li r-risposta għall-avviż ta' arbitraġġ tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-risposta tal-intimat għandha twieġeb għall-punti fin-nota tat-talba tar-rikorrent f'konformità mal-Artikolu III.4(2), il-punti (a) sa (c) ta' dan l-Appendiċi. Għandha, sa fejn ikun possibbli, tkun akkumpanjata minn kwalunkwe dokument u evidenza oħra msemmija mill-intimat jew għandha tirreferi għalihom. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tal-Protokoll, ir-risposta tal-intimat għandha wkoll, sa fejn ikun possibbli, jkun fiha informazzjoni dwar il-ħtieġa ta' rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. Fir-risposta tal-intimat, jew fi stadju aktar tard fil-proċedimenti ta' arbitraġġ jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li dewmien ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, l-intimat jista' jagħmel kontrotalba dment li t-tribunal tal-arbitraġġ ikollu ġuriżdizzjoni fir-rigward tagħha.

4. L-Artikolu III.4(2) u (3) għandhom japplikaw għal kontrotalba.

ARTIKOLU III.6

Ġuriżdizzjoni tal-arbitraġġ

1. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi dwar jekk għandux ġuriżdizzjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 10(2) jew 11(2) tal-Protokoll jew tal-Artikolu 14a(2) jew (4) tal-Ftehim.

2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu l-mandat li jeżamina l-kwistjoni li tkun qed tikkawża t-tilwima kif imdaħħla uffiċjalment, għal riżoluzzjoni, fl-aġenda tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 10(1) tal-Protokoll;

3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2) tal-Protokoll, it-tribunal tal-arbitraġġ li jkun sema' l-każ ewlieni għandu jkollu mandat biex jeżamina l-proporzjonalità tal-miżuri kumpensatorji kkontestati, inkluż meta dawk il-miżuri jkunu ttieħdu kompletament jew parzjalment fi ftehim bilaterali ieħor fl-oqsma relatati mas-suq intern li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14a(2) u (4) tal-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu mandat biex jeżamina jekk id-diffikultajiet allegati ġewx ippruvati u jekk humiex ikkawżati mill-applikazzjoni tal-Ftehim.

5. Eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' ġuriżdizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha ssir mhux aktar tard mir-risposta tal-intimat jew, fil-każ ta' kontrotalba, fit-tweġiba. Il-fatt li parti tkun ħatret arbitru jew tkun ħadet sehem fil-ħatra tiegħu ma għandux iċaħħadha mid-dritt li tagħmel tali eċċezzjoni. L-eċċezzjoni preliminari li t-tilwima tmur lil hinn mis-setgħat tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha ssir hekk kif titqajjem il-kwistjoni li allegatament tmur lil hinn mis-setgħat tiegħu matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ. Fi kwalunkwe każ, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jippermetti eċċezzjoni preliminari magħmula wara li jkun għadda l-limitu ta' żmien stabbilit jekk jemmen li d-dewmien kien għal raġuni valida.

6. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari msemmija fil-paragrafu 4 jew billi jittrattaha bħala kwistjoni preliminari jew fid-deċiżjoni dwar il-mertu tal-każ.

ARTIKOLU III.7

Sottomissjonijiet oħra bil-miktub

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu, wara li jkun ikkonsulta lill-partijiet, jiddeċiedi liema sottomissjonijiet oħra bil-miktub, minbarra t-talba tar-rikorrent u r-risposta tal-intimat, il-partijiet għandhom jew jistgħu jissottomettu u għandu jistabbilixxi l-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tagħhom.

ARTIKOLU III.8

Limiti ta' żmien

1. Il-limiti ta' żmien stabbiliti mit-tribunal tal-arbitraġġ għall-komunikazzjoni tad-dokumenti bil-miktub, inklużi t-talba tar-rikorrent u r-risposta tal-intimat, ma għandhomx jaqbżu d-90 jum, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 12-il xahar mid-data tal-istabbiliment tiegħu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultà partikolari, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jestendi dak il-perjodu b'mhux aktar minn 3 xhur addizzjonali.

3. Il-limit ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs:

(a) fuq talba tar-rikorrent jew tal-intimat, jekk, fi żmien 30 jum minn dik it-talba, it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi, wara li jisma' l-parti l-oħra, li l-kawża tkun urġenti; jew

(b) il-partijiet jaqblu dwar dan.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2) tal-Protokoll, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 6 xhur mid-data li fiha jkunu ġew notifikati l-miżuri kumpensatorji f'konformità mal-Artikolu 11(1) tal-Protokoll;

5. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14a(2) u (4) tal-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 6 xhur mid-data tal-istabbiliment tiegħu.

ARTIKOLU III.9

Rinviji lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

1. Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 10(3) tal-Protokoll, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi kwalunkwe ħin fil-proċedimenti, dment li t-tribunal tal-arbitraġġ ikun jista' jiddefinixxi b'mod preċiż biżżejjed l-isfond legali u fattwali tal-kawża, u l-mistoqsijiet legali li tqajjem.

Il-proċedimenti quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ għandhom jiġu sospiżi sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti s-sentenza tagħha.

3. Kull parti tista' tibgħat talba motivata lit-tribunal tal-arbitraġġ biex jagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jirrifjuta talba bħal din jekk iqis li l-kundizzjonijiet għal rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu 1 ma humiex issodisfati. Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiċħad talba ta' parti għal rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fid-deċiżjoni dwar il-mertu tal-każ.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea permezz ta' avviż. L-avviż għandu mill-anqas ikollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni fil-qosor tat-tilwima;

(b) l-att(i) legali tal-Unjoni u/jew id-dispożizzjoni(jiet) tal-Ftehim inkwistjoni; u

(c) il-kunċett tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat f'konformità mal-Artikolu 7(2) tal-Protokoll.

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu javża lill-partijiet dwar ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tapplika, b'analoġija, ir-regoli interni ta' proċedura applikabbli għall-eżerċitar tal-ġuriżdizzjoni tagħha sabiex tieħu deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati u tal-atti magħmula mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

6. L-aġenti u l-avukati awtorizzati biex jirrappreżentaw lill-partijiet quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ skont l-Artikoli I.4, I.5, III.4 u III.5 għandhom ikunu awtorizzati jirrappreżentaw lill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU III.10

Miżuri interim

1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(2) tal-Protokoll, kull parti tista', fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' arbitraġġ, tapplika għal miżuri interim li jikkonsistu fis-sospensjoni tal-miżuri kumpensatorji.

2. Rikors skont il-paragrafu 1 għandu jispeċifika s-suġġett tal-proċedimenti, iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw f'urġenza, kif ukoll l-eċċezzjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jiġġustifikaw *prima facie* l-miżuri proviżorji mitluba permezz tar-rikors. Għandu jkun fih l-evidenza u l-provi proposti kollha li jkunu disponibbli biex jiġġustifikaw l-għoti tal-miżuri interim.

3. Il-parti li titlob il-miżuri interim għandha tibgħat it-talba tagħha bil-miktub lill-parti l-oħra u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Uffiċċju Internazzjonali. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien qasir li fih dik il-parti l-oħra tista' tippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub jew orali.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu, fi żmien xahar mis-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 1, jadotta deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-miżuri kumpensatorji kkontestati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tribunal tal-arbitraġġ ikun sodisfatt fuq bażi *prima facie* dwar il-mertu tal-każ ippreżentat mill-parti li titlob il-miżuri proviżorji fir-rikors tagħha;

(b) it-tribunal tal-arbitraġġ iqis li, sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali tiegħu, il-parti li qed titlob il-miżuri interim se ġġarrab dannu serju u irreparabbli fin-nuqqas tas-sospensjoni tal-miżuri kumpensatorji; u

(c) id-dannu kkawżat lill-parti li qed titlob il-miżuri interim bit-talba immedjata tal-miżuri kumpensatorji kkontestati huwa akbar mill-interess fl-applikazzjoni immedjata u effettiva ta' dawk il-miżuri.

5. Is-sospensjoni tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu III.9(2), it-tieni subparagrafu ma għandhiex tapplika fi proċedimenti skont dan l-Artikolu.

6. Deċiżjoni meħuda mit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-paragrafu 4 għandu jkollha biss effett interim u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ dwar il-mertu tal-każ.

7. Sakemm id-deċiżjoni meħuda mit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma tistabbilixxix data aktar bikrija għat-tmiem tas-sospensjoni, is-sospensjoni għandha tiskadi meta tittieħed id-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 11(2) tal-Protokoll.

8. Sabiex ma jkunx hemm dubju, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, huwa mifhum li, meta jitqiesu l-interessi rispettivi tal-parti li qed titlob il-miżuri interim u tal-parti l-oħra, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jqis dawk tal-individwi u tal-operaturi ekonomiċi tal-partijiet, iżda dik il-kunsiderazzjoni ma għandhiex tirrappreżenta l-għoti ta' xi setgħa lil tali individwi jew operaturi ekonomiċi quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ.

## ARTIKOLU III.11

## Evidenza

1. Kull parti għandha tipprovdi evidenza tal-fatti li jiffurmaw ir-raġunijiet tat-talba tagħha jew tad-difiża tagħha.

2. B'talba ta' parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex mingħand il-partijiet l-informazzjoni rilevanti li huwa jqis neċessarja u xierqa. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien biex il-partijiet jirrispondu għat-talba tiegħu.

3. B'talba ta' parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex kull informazzjoni li huwa jqis xierqa minn kwalunkwe sors. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex ukoll l-opinjoni ta' esperti kif iqis xieraq u soġġett għal kwalunkwe limitu ta' żmien u kundizzjoni miftiehma mill-partijiet, meta jkun applikabbli.

4. Kull informazzjoni miksuba mit-tribunal tal-arbitraġġ skont dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għall-partijiet u l-partijiet jistgħu jippreżentaw kummenti dwar din l-informazzjoni lit-tribunal tal-arbitraġġ.

5. Wara li jitlob il-fehmiet tal-parti l-oħra, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jadotta miżuri xierqa biex jindirizza kwalunkwe kwistjoni mqajma minn parti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, tas-segretezza professjonali u tal-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità.

6. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun l-imħallef tal-ammissibbiltà, tar-rilevanza u tas-saħħa tal-evidenza ppreżentata.

ARTIKOLU III.12

Seduti

1. Meta jkollha ssir seduta, it-tribunal tal-arbitraġġ, wara li jkun ikkonsulta lill-partijiet, għandu jinnotifika lill-partijiet kmieni biżżejjed qabel id-data, il-ħin u l-post tas-seduta.

2. Is-seduta għandha tkun pubblika, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ, fuq inizjattiva proprja jew fuq talba tal-partijiet, ma jiddeċidix mod ieħor minħabba raġunijiet serji.

3. Il-minuti ta' kull seduta għandhom jitfasslu u jiġu ffirmati mill-president tat-tribunal tal-arbitraġġ. Dawk il-minuti biss għandhom ikunu awtentiċi.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li jorganizza s-seduta virtwalment f'konformità mal-prattika tal-Uffiċċju Internazzjonali. Il-partijiet għandhom jiġu informati b'din il-prattika fil-ħin. F'każijiet bħal dawn, għandu japplika l-paragrafu 1*, mutatis mutandis*, u l-paragrafu 3.

ARTIKOLU III.13

Kontumaċja

1. Jekk, fil-limitu ta' żmien stabbilit minn dan l-Appendiċi jew mit-tribunal tal-arbitraġġ, mingħajr ma juri raġuni suffiċjenti, ir-rikorrent ma jkunx issottometta t-talba tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jordna l-għeluq tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, sakemm ma jkunx hemm mistoqsijiet pendenti li dwarhom tista' tkun meħtieġa deċiżjoni u jekk it-tribunal tal-arbitraġġ iqis li jkun xieraq li jagħmel dan.

Jekk, fil-limitu ta' żmien stabbilit minn dan l-Appendiċi jew mit-tribunal tal-arbitraġġ, mingħajr ma juri raġuni suffiċjenti, l-intimat ma jkunx issottometta r-risposta tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ jew ir-risposta tal-intimat tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jordna l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti, mingħajr ma jqis dik il-kontumaċja minnha nnifisha bħala li tikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent.

It-tieni subparagrafu japplika wkoll meta r-rikorrent jonqos milli jissottometti tweġiba għal kontrotalba.

2. Jekk parti, debitament imsejħa f'konformità mal-Artikolu III.12(1), ma tidhirx f'seduta u ma turix raġuni suffiċjenti għan-nuqqas tagħha li tagħmel dan, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jkompli l-arbitraġġ.

3. Jekk parti, debitament mistiedna mit-tribunal tal-arbitraġġ biex tipproduċi aktar evidenza, tonqos milli tagħmel dan fil-limiti ta' żmien stabbiliti mingħajr ma turi raġuni suffiċjenti għan-nuqqas tagħha li tagħmel dan, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi abbażi tal-evidenza li jkollu disponibbli.

ARTIKOLU III.14

Għeluq tal-proċedura

1. Meta jintwera li l-partijiet kellhom b'mod raġonevoli l-possibbiltà li jippreżentaw l-argumenti tagħhom, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddikjara l-għeluq tal-proċedimenti.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ jista', jekk iqis li jkun meħtieġ minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, jiddeċiedi fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' parti, li jerġa' jiftaħ il-proċedimenti fi kwalunkwe ħin qabel ma jkun ħa d-deċiżjoni tiegħu.

KAPITOLU IV

DEĊIŻJONI

ARTIKOLU IV.1

Deċiżjonijiet

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel ħiltu biex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Madankollu, jekk ikun impossibbli li tittieħed deċiżjoni b'kunsens, id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tittieħed b'maġġoranza tal-arbitri.

ARTIKOLU IV.2

Forma u effett tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ

1. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jieħu deċiżjonijiet separati dwar kwistjonijiet differenti f'ħinijiet differenti.

2. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jinħarġu bil-miktub u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Għandhom ikunu finali u vinkolanti għall-partijiet.

3. Id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tiġi ffirmata mill-arbitri, għandha tinkludi d-data li tkun ittieħdet fiha u għandha tiddikjara l-post tal-arbitraġġ. L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni ffirmata mill-arbitri lill-partijiet.

4. L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jagħmel id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ pubblika.

Meta jagħmel id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ pubblika, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jirrispetta r-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data personali, is-segretezza professjonali u l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità.

Ir-regoli msemmija fit-tieni subparagrafu għandhom ikunu identiċi għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, kif ukoll għall-Ftehim dwar is-saħħa, il-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli u l-Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dawk ir-regoli b'deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

5. Il-partijiet għandhom jikkonformaw mad-deċiżjonijiet kollha tat-tribunal tal-arbitraġġ mingħajr dewmien.

6. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll, wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-partijiet, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli fid-deċiżjoni dwar il-mertu tal-każ sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 10(5) tal-Protokoll filwaqt li jqis il-proċeduri interni tal-partijiet.

ARTIKOLU IV.3

Liġi applikabbli, regoli ta' interpretazzjoni, medjatur

1. Il-liġi applikabbli tikkonsisti fil-Ftehim, l-atti legali tal-Unjoni li għalihom issir referenza fihom, kif ukoll kwalunkwe regola oħra tad-dritt internazzjonali rilevanti għall-applikazzjoni ta' dawk l-istrumenti.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi skont ir-regoli tal-interpretazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tal-Protokoll.

3. Deċiżjonijiet minn qabel meħuda minn korp għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tal-proporzjonalità ta' miżuri kumpensatorji skont ftehim bilaterali ieħor fost dawk imsemmija fl-Artikolu 11(1) tal-Protokoll għandhom ikunu vinkolanti fuq it-tribunal tal-arbitraġġ.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ ma għandux jitħalla jiddeċiedi bħala medjatur jew *ex aequo et bono*.

ARTIKOLU IV.4

Soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku jew raġunijiet oħra għall-għeluq tal-proċedimenti

1. Il-partijiet jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jaqblu b'mod reċiproku fuq soluzzjoni għat-tilwima tagħhom. Huma għandhom jikkomunikaw b'mod konġunt kwalunkwe soluzzjoni bħal din lit-tribunal tal-arbitraġġ. Jekk is-soluzzjoni tirrikjedi l-approvazzjoni skont il-proċeduri domestiċi rilevanti ta' xi waħda mill-partijiet, in-notifika tirreferi għal dak ir-rekwiżit, u l-proċedura ta' arbitraġġ tiġi sospiża. Jekk tali approvazzjoni ma tkunx meħtieġa, jew man-notifika tat-tlestija ta' tali proċeduri domestiċi, il-proċedura ta' arbitraġġ tingħalaq.

2. Jekk, matul il-proċedimenti, ir-rikorrent jinforma lit-tribunal tal-arbitraġġ bil-miktub li ma jkunx jixtieq ikompli bil-proċedimenti, u jekk, fid-data li fiha tasal dik il-komunikazzjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ, l-intimat ikun għadu ma ħa l-ebda pass fil-proċedimenti, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu joħroġ ordni li tirreġistra uffiċjalment l-għeluq tal-proċedimenti. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż, li għandhom jitħallsu mir-rikorrent, jekk dan jidher iġġustifikat mill-aġir ta' dik il-parti.

3. Jekk, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, it-tribunal tal-arbitraġġ jikkonkludi li l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti tkun saret bla skop jew impossibbli għal kwalunkwe raġuni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinforma lill-partijiet bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ ordni li tagħlaq il-proċedimenti.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax meta jkun hemm kwistjonijiet pendenti li dwarhom jista' jkun meħtieġ li tittieħed deċiżjoni u jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li jkun xieraq li jsir dan.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jikkomunika lill-partijiet kopja tal-ordni li tagħlaq il-proċedimenti ta' arbitraġġ jew tad-deċiżjoni meħuda bi ftehim bejn il-partijiet, iffirmata mill-arbitri. L-Artikolu IV.2(2) sa (5) għandu japplika għal deċiżjonijiet ta' arbitraġġ meħuda bi ftehim bejn il-partijiet.

ARTIKOLU IV.5

Korrezzjoni tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ

1. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi d-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, parti tista', billi tagħti avviż lill-parti l-oħra u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Uffiċċju Internazzjonali, titlob lit-tribunal tal-arbitraġġ jikkoreġi fit-test tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ kwalunkwe żball fil-komputazzjoni, kwalunkwe żball klerikali jew tipografiku, jew kwalunkwe żball jew ommissjoni ta' natura simili. Jekk iqis li t-talba hija ġġustifikata, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel il-korrezzjoni fi żmien 45 jum minn meta jirċievi t-talba. It-talba ma għandux ikollha effett sospensiv fuq il-limitu ta' żmien previst fl-Artikolu IV.2(6).

2. It-tribunal tal-arbitraġġ jista', fi żmien 30 jum mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, jagħmel il-korrezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fuq inizjattiva tiegħu stess.

3. Il-korrezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru bil-miktub u għandhom jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni. Għandu japplika l-Artikolu IV.2(2) sa (5).

ARTIKOLU IV.6

Tariffi tal-arbitri

1. It-tariffi msemmija fl-Artikolu IV.7 għandhom ikunu raġonevoli, filwaqt li jitqiesu l-kumplessità tal-każ, iż-żmien imqatta' fuqu mill-arbitri u ċ-ċirkostanzi rilevanti l-oħra kollha.

2. Għandha tiġi stabbilita u aġġornata, meta jkun meħtieġ, lista ta' kumpens ta' kuljum u tas-sigħat massimi u minimi, li għandha tkun komuni għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera kif ukoll għall-Ftehim dwar is-saħħa, għall-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti agrikoli u għall-Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dik il-lista b'deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

ARTIKOLU IV.7

Spejjeż

1. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha stess u nofs l-ispejjeż tat-tribunal tal-arbitraġġ.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi l-ispejjeż tiegħu fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-mertu tal-każ. Dawk l-ispejjeż għandhom jinkludu biss:

(a) it-tariffi tal-arbitri, li għandhom jiġu ddikjarati separatament għal kull arbitru u li għandhom jiġu stabbiliti mit-tribunal tal-arbitraġġ innifsu f'konformità mal-Artikolu IV.6;

(b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħra mġarrba mill-arbitri; u

(c) it-tariffi u l-ispejjeż tal-Uffiċċju Internazzjonali.

3. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu raġonevoli, filwaqt li jitqiesu l-ammont fit-tilwima, il-kumplessità tat-tilwima, iż-żmien li l-arbitri u kwalunkwe espert maħtur mit-tribunal tal-arbitraġġ ikun qatta' fuqha u kwalunkwe ċirkostanza rilevanti oħra.

ARTIKOLU IV.8

Depożitu tal-ispejjeż

1. Fil-bidu tal-arbitraġġ, l-Uffiċċju Internazzjonali jista' jitlob lill-partijiet biex jiddepożitaw ammont ugwali bħala ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu IV.7(2).

2. Matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ, l-Uffiċċju Internazzjonali jista' jitlob mill-partijiet depożiti supplimentari għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

L-ammonti kollha ddepożitati mill-partijiet fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju Internazzjonali u għandhom jitħallsu minnu biex ikopru l-ispejjeż effettivament imġarrba, inklużi, b'mod partikolari, it-tariffi mħallsa lill-arbitri u t-tariffi mħallsa lill-Uffiċċju Internazzjonali.

## KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### ARTIKOLU V.1

### Emendi

Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta, b'deċiżjoni, emendi għal dan l-Appendiċi.

________________